



Brussell, 15 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14065/19

LIMITE

COPEN 432
ENFOPOL 506
ENV 924
CRIMORG 159
CATS 134
JAI 1205

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13458/19
Suġġett:	Rapport finali dwar it-Tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar il-kriminalità ambjentali - Informazzjoni u diskussjoni fil-Kunsill

F'konformità mal-Artikolu 2 tal-Azzjoni Konġunta 97/827/ĠAI tal-5 ta' Diċembru 1997¹, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali inkluż l-Evalwazzjonijiet (GENVAL) iddeċieda fl-14 ta' Diċembru 2016 li t-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi ser ikun iddedikat għall-implimentazzjoni u l-operazzjoni prattika tal-politiki Ewropej dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali u l-ġlieda kontriha.

¹ Azzjoni Konġunta 97/827/ĠAI ta' Diċembru 1997 adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jevalwa l-applikazzjoni u jimplementa fuq livell nazzjonali l-impriżi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 344, 15.12.1997).

L-abbozz tar-rapport finali kif jinsab fid-dokument 11751/19, imħejji mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill f'isem il-Presidenza u li jinkludi l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapporti adottati preċedentement għal kull Stat Membru individwali, ġie ppreżentat, u sar skambju preliminari ta' fehmiet, fil-laqgħa tal-LEWP/COPEN tas-17 ta' Settembru 2019.

Id-delegazzjonijiet ġew mistiedna jippreżentaw kummenti bil-miktub dwar l-abbozz tar-rapport finali sal-4 ta' Ottubru 2019. Verżjoni riveduta tar-rapport, kif tinsab fid-dokument 13458/19, ġiet ippreżentata u approvata mill-CATS fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Novembru 2019, bil-ħsieb li tiġi ppreżentata lill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-2-3 ta' Diċembru 2019.

Il-Presidenza biħsiebha tippreżenta r-rapport finali dwar it-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi, kif jinsab fl-Anness għal dan id-dokument, fis-sessjoni dwar il-Ġustizzja tal-Kunsill imsemmi hawn fuq fit-3 ta' Diċembru 2019. Wara preżentazzjoni mill-Presidenza, id-delegazzjonijiet ser jiġu mistiedna jkollhom skambju ta' fehmiet. F'dan ir-rigward, il-Presidenza ser tiegħu wkoll nota tar-rapport tagħha dwar il-liġi kriminali ambjentali tal-UE (dokument 12801/19). Imbagħad il-Kunsill ser jiġi mistieden jiegħu nota tar-rapport finali imsemmi hawn fuq u tal-importanza tat-tiżiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

Skont l-Artikolu 8(4) tal-Azzjoni Konġunta msemmiha hawn fuq, ir-rapport finali ser jintbagħat ukoll lill-Parlament Ewropew għall-informazzjoni.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) hu mistieden:

-jiegħu nota ta' kif il-Presidenza biħsiebha tittratta r-rapport finali tat-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi, kif jinsab fl-Anness għal dan id-dokument, fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-2-3 ta' Diċembru 2019.

- jirrakkomanda lill-Kunsill jiegħu nota tar-rapport imsemmi hawn fuq u tal-importanza tat-tiżiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

Abbozz ta' rapport final dwar it-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi dwar

"L-implimentazzjoni u l-operazzjoni prattika tal-politiki Ewropej dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali u l-ġlieda kontra"

WERREJ

I- INTRODUCTION.....	5
II- EXECUTIVE SUMMARY	8
III - NATIONAL ENVIRONMENTAL STRATEGY.....	17
IV - STATISTICS	21
V- PREVENTIVE ACTION	27
VI - STRUCTURES – THE JUDICIARY	32
VII - STRUCTURES - THE LAW ENFORCEMENT AUTHORITIES (LEAs).....	36
VIII - STRUCTURES - OTHER AUTHORITIES.....	40
IX- STRUCTURES.....	45
- COOPERATION AND COORDINATION AT NATIONAL LEVEL	45
X - TRAINING.....	50
XI - LEGAL ASPECTS.....	55
XII - PROCEDURAL ISSUES	60
XIII - INTERNATIONAL COOPERATION	67
XIV -COOPERATION BETWEEN THE PUBLIC AND THE PRIVATE SECTOR	73
XV - ILLEGAL TRAFFICKING OF WASTE.....	76
XVI- ILLEGAL PRODUCTION OR HANDLING OF DANGEROUS MATERIALS AND MANAGEMENT OF HAZARDOUS WASTE.....	84

I- INTRODUZZJONI

Wara l-adozzjoni tal-Azzjoni Konġunta 97/827/ĠAI tal-5 ta' Diċembru 1997¹ li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jevalwa l-applikazzjoni u jimplimenta fuq livell nazzjonali l-impriżi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, dan ir-rapport jipprova jagħti sommarju tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet u joħroġ konklużjonijiet dwar it-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi.

F'konformità mal-Artikolu 2 tal-Azzjoni Konġunta msemmija hawn fuq, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Ġenerali inkluż l-Evalwazzjoni (GENVAL) iddeċieda fl-14 ta' Diċembru 2016 li t-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi għandu jkun iddedikat għall-implimentazzjoni u l-operazzjoni Prattika tal-politiki Ewropej dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali u l-ġlieda kontriha.

L-għażla tal-kriminalità ambjentali bħala s-suġġett għat-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi ntlaqgħet tajjeb mill-Istati Membri. Madankollu, minħabba l-firxa wiesgħa ta' reati koperti mill-kriminalità ambjentali, f'konformità mad-deċiżjoni meħuda minn GENVAL, ġie maqbul li l-evalwazzjoni tkun iffukata fuq dawk ir-reati li l-Istati Membri ħassew li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari. Għal dak il-għan, it-tmien ċiklu ta' evalwazzjoni kopra żewġ oqsma speċifiċi - it-traffikar illegali tal-iskart u l-produzzjoni jew l-immaniġġar illegali ta' materjal perikoluż, u eskluda tipi oħra ta' kriminalità ambjentali, bħat-traffikar illeċitu ta' organiżmi selvaġġi, il-kummerċ illeċitu tal-injam, il-kummerċ illeċitu tal-ħut u t-tniġġis tal-arja².

¹ Azzjoni Konġunta tal-5 ta' Diċembru 1997 (97/827/ĠAI), ĠU L 344, 15.12.1997, pp. 7-9.

² Għall-fini ta' dan ir-rapport finali, "kriminalità ambjentali" tirreferi għall-ambitu tal-evalwazzjoni kif iddefinit mill-GENVAL.

Dan l-approċ ipprova eżami komprensiv tal-aspetti legali u operazzjonali tal-indirizzar tal-kriminalità ambjentali, il-kooperazzjoni transkonfinali u l-kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-UE.

Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi³ (data ta' traspożizzjoni: it-12 ta' Diċembru 2010), id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali⁴ (data ta' traspożizzjoni: is-26 ta' Diċembru 2010), u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart⁵ (data tad-dħul fis-seħħ: it-12 ta' Lulju 2007) huma partikolarment rilevanti f'dan il-kontest.

Barra minn hekk, id-Direttiva 2008/98/KE tesiġi li l-Istati Membri joħolqu pjanijiet għall-immaniġġar tal-iskart u programmi għall-prevenzjoni tal-iskart, dan tal-aħħar sat-12 ta' Diċembru 2013. L-objettiv ta' dawn il-programmi huwa li jippreżentaw approċ nazzjonali koordinat għall-prevenzjoni tal-iskart, billi jiddefinixxu l-miri u l-politiki, u billi jimmiraw għas-separazzjoni tat-tkabbir ekonomiku mill-impatt ambjentali tal-ġenerazzjoni tal-iskart.

L-organizzazzjoni tat-tmien ċiklu kienet ikkomplementata mill-adozzjoni ta' kwestjonarju, ta' ordni ta' żjarat u tal-kompożizzjoni tat-timijiet ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-osservaturi (GENVAL fil-5 ta' Mejju 2017), kif ukoll il-ħatra tal-esperti abbażi tal-proposti tal-Istati Membri. Is-Segretarjat Ġenerali kkoordinat l-missjonijiet u assista lill-esperti tat-timijiet ta' evalwazzjoni.

L-ewwel missjoni ta' evalwazzjoni saret fl-Iżvezja bejn is-26 u d-29 ta' Settembru 2017. L-aħħar missjoni ta' evalwazzjoni saret fir-Renju Unit bejn il-25 ta' Frar u l-1 ta' Marzu 2019. It-28 missjoni ta' evalwazzjoni rriżultaw il-koll frapporti dettaljati dwar l-Istati Membri individwali.

³ ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

⁴ ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28.

⁵ ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

Dawn ir-rapporti ta' evalwazzjoni ġew sussegwentement diskussi u adottati f'formazzjoni konġunta LEWP/COPEN⁶. Il-biċċa l-kbira minnhom huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill u aċċessibbli għall-pubbliku.

Dan id-dokument jirrifletti l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapporti speċifiċi mħejjija preċedentement għal kull Stat Membru individwali⁷. Madankollu, għandu jiġi nnutat li minħabba n-natura dejjiema tal-evalwazzjoni, ir-rapporti individwali jistgħu ma jirriflettux b'mod sħiħ is-sitwazzjoni attwali.

-
- ⁶ Żvezja (ST 6540/18 REV1 DCL1), Franza (ST 6734/18 DCL1), Irlanda (ST 7139/18 REV1 DCL1), Finlandja (ST 8430/18 REV1), Netherlands (ST 8379/18 REV1), Italja (ST 9815/18 REV1), Slovakkja (ST 9816/18 REV1), Ġermanja (ST 11430/18 REV1), Belġju (ST 11402/18 REV1), Danimarka (ST 11621/18 REV1), Ungerija (ST 11585/18), Latvja (ST 11426/18 REV2), Greċja (ST 14588/18 REV1), Repubblika Ċeka (ST 14129/18 REV1), Ċipru (ST 14059/18 REV1), Polonja (ST 15079/18 REV1), Spanja (ST6601/19 REV1), Malta (ST 5518/19 REV1), Estonja (ST 6767/19 REV1), Lussemburgu (ST 7947/19 REV1), Slovenja (ST 8065/19), Rumanija (ST 8783/19 REV1), Kroazja (ST 9178/19 REV1), Bulgarija (ST 9180/19 REV1), Portugall (ST 9098/19), Litwanja (ST 10080/19), Awstrija (ST 10079/19) u Renju Unit (ST 10081/19).
- ⁷ Ir-rapporti individwali saru immedjatement wara ż-żjarat fl-Istati Membri kkonċernati. Setgħu sehew bidliet aktar tard, eż. it-tlestija tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni, li ma jkunux riflessi fir-rapporti individwali. Is-segwitu għar-rapporti ta' evalwazzjoni, previst għal 18-il xahar wara l-adozzjoni, għandu jirrifletti dawk il-bidliet. Fil-ħin tad-diskussjoni tar-rapport f'LEWP/COPEN, l-Istati Membri spiss ħabbru bidliet (futuri) li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport individwali tagħhom.

II- SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart, hija forma kumplessa u multidimensjonali ta' kriminalità, li hija preżenti, f'forma jew oħra u f'livelli differenti, madwar l-Unjoni Ewropea kollha. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, f'dan ir-rigward ġie enfasizzat ripetutament li hemm riskju li ċerti reati kriminali f'dan il-qasam jibqgħu ma jġugx mikxufa, peress li dan it-tip ta' kriminalità rari jkun faċilment evidenti, iżda ta' spiss ikun "inviżibbli" u għalhekk huwa vvalutat bħala "kriminalità li teħtieġ kontroll", li bħala tali għandha tiġi indirizzata b'mod proattiv.

Sabiex tiġi evitata u miġġielda b'mod effettiv il-kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart, l-evalwazzjoni enfasizzat li huwa essenzjali li jiġu ddefiniti l-prijoritajiet rilevanti u li jiġi adottat approċċ b'diversi aġenziji, bl-involviment ta' awtoritajiet nazzjonali differenti, u li tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva tal-isforzi tagħhom abbażi ta' politika ta' orjentazzjoni strateġika.

Madankollu, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, dawn il-forom ta' kriminalità jsofru minn nuqqas ġenerali ta' prijorità fil-livell politiku u, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ma teżisti l-ebda strateġija nazzjonali komprensiva li tistabbilixxi l-prijoritajiet rilevanti u li tinvolvi l-awtoritajiet rilevanti kollha. Għalhekk, ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kkonċernati, bil-ħsieb li dawn jadottaw tali strateġija, possibbilment f'dokument uniku akkumpanjat minn pjan għall-implimentazzjoni tagħha.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-istatistika fil-qasam tal-kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart, hija insuffiċjenti, frammentata u bbażata fuq diversi sorsi statistiċi individwali, peress li jinġabru separatament minn kull awtorità individwali involuta fil-prevenzjoni u l-għieda kontra l-forom ta' kriminalità, mingħajr interkonnessjoni jew integrazzjoni bejniethom.

In-nuqqas ta' ċifri kkonsolidati għad-delitti ambjentali rrapportati jwassal għal nuqqas ta' informazzjoni u analiżi tal-fluss kollu tal-każijiet mill-awtoritajiet amministrattivi, il-pulizija, l-uffiċċji tal-prosekuturi u l-qrati. Konsegwentement mhuwiex possibbli li tingħata ħarsa ġenerali lejn il-firxa ta' dawn il-fenomeni kriminali u li jiġu adattati l-miżuri u l-azzjonijiet nazzjonali kif xieraq.

L-Istati Membri għalhekk ġew rakkomandati li jfasslu metodu biex jiġbru statistika sistematika, affidabbli u aġġornata li tinkludi l-għadd ta' notifiki, investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni marbuta mal-kriminalità marbuta mal-iskart. Dan jagħmilha possibbli li titwettaq evalwazzjoni strateġika tas-sistema nazzjonali għall-prevenzjoni tar-reati ambjentali u l-ġlieda kontribom, li tiġi vvalutata aktar faċilment l-effettività tagħha u li tingħata prijorità lir-riżorsi allokat biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

F'xi Stati Membri l-bażijiet ta' data jew l-ġhodod ta' monitoraġġ għall-ġestjoni tal-informazzjoni tqiesu bħala prattiki tajbin, għalkemm ġie rakkomandat li tali informazzjoni u sistemi tal-ġbir tad-data għandhom ikunu interkonnessi.

Mingħajr il-possibbiltà li jiġu verifikati ċ-ċifri globali tal-kriminalità ambjentali, b'mod speċifiku fil-qasam tal-kriminalità marbuta mal-iskart, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet it-timijiet ta' evalwazzjoni ma kinux f'pożizzjoni li jwettqu eżami bir-reqqa tal-firxa reali u l-gravità ta' dawn il-forom ta' kriminalità u valutazzjoni tax-xejriet ġenerali relatati fl-Istati Membri kkonċernati.

Il-prijoritizzazzjoni tal-protezzjoni tal-ambjent tinvolvi l-istabbiliment ta' struttura organizzattiva ta' korpi kompetenti li jittrattaw każijiet ambjentali li jkollhom setgħat adegwati biex jaqdu l-kompiti tagħhom u li jkunu pprovdoti b'riżorsi umani u baġitarji xierqa.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri għandhom ilkoll struttura istituzzjonali stabbilita biex tiġi indirizzata l-kriminalità ambjentali; din hija strutturata b'mod simili fl-Istati Membri, għalkemm jeżistu xi differenzi fir-rigward tal-attribuzzjoni speċifika tal-kompetenzi lid-diversi awtoritajiet involuti u d-distribuzzjoni tagħhom bejn il-livell ċentrali u dak territorjali, kif ukoll is-sistema għall-monitoraġġ u s-sanzjonar tal-ksur tal-leġislazzjoni dwar l-ambjent, inkluż dik dwar l-iskart.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni reċiproka, f'għadd ta' Stati Membri nstab li tali organizzazzjoni kienet stabbilita sew u komprensiva, u l-kompetenzi tas-servizzi rilevanti kienu ċari u distribwiti sew; fi Stati Membri oħra hemm lok għal tiġib tal-istruttura organizzattiva, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità nazzjonali biex tiġi miġġielda l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

L-evalwazzjoni enfasizzat ukoll l-importanza li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha, inkluż l-awtoritajiet ġudizzjarji, ikunu jistgħu jikkooperaw mill-qrib sabiex jinħolqu sinerġiji u tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema nazzjonali għall-protezzjoni u l-infurzar ambjentali f'dan il-qasam.

Il-livell ta' istituzzjonalizzazzjoni tal-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali jvarja bejn l-Istati Membri. Fi wħud minnhom, tali kooperazzjoni ssir fuq bażi informali u "ad hoc": madankollu dan l-approċċ jista' jkun fraġli f'ċerti ċirkostanzi mhux mistennija u, fi kwalunkwe każ, iqajjem il-kwistjoni tat-trasmissjoni tal-għarfien espert; fi Stati Membri oħra hemm stabbilit qafas interistituzzjonali aktar formali u strutturat, ħafna drabi bbażat fuq protokollu jew memoranda ta' qbil, f'xi każijiet bi pjattaformi multidixxiplinari biex jikkoordinaw tali kooperazzjoni, u dan jista' jitqies bħala l-aħjar prattika, li tippermetti li tiġieb l-effiċjenza tas-sistemi ta' prevenzjoni u ta' infurzar.

Il-komplessità tal-isfidi ppreżentati mill-kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart, u n-natura teknika ta' tali kriminalità jeħtieġu livell għoli ta' għarfien legali u għarfien espert tekniku fl-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fil-ġlieda kontra dawn il-forom ta' kriminalità, kemm fil-livelli ċentrali kif ukoll f'dawk lokali.

Xi awtoritajiet tal-Istati Membri li ġew evalwati nnutaw li, b'kont meħud tar-rilevanza żgħira li għandha l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom, ma qisux xieraq li jiġu stabbiliti strutturi speċjalizzati għall-prevenzjoni ta' dawn il-forom ta' kriminalità u l-ġlieda kontribom.

Madankollu, fil-kuntest tal-evalwazzjoni reċiproka, ġie enfasizzat ripetutament li huwa meħtieġ livell għoli ta' speċjalizzazzjoni tal-uffiċjali li jaħdmu f'dan il-qasam. Jenħtieġu wkoll investigaturi speċjalizzati biex jitqies l-aspett finanzjarju u ekonomiku tal-kriminalità ambjentali, b'mod partikolari għal kriminalità serja.

Madwar l-Unjoni Ewropea, il-livell ta' speċjalizzazzjoni tal-persunal rilevanti huwa aktar adegwat, b'xi eċċezzjonijiet, għall-awtoritajiet ambjentali, u sa ċertu punt, għall-pulizija u għaddwana, b'lok għal titjib f'ċerti Stati Membri, fejn persunal speċjalizzat jitratta l-kriminalità ambjentali fost responsabbiltajiet oħra jew fil-livell ċentrali biss u mhux fil-livell lokali.

B'kuntrast ma' dan, tali speċjalizzazzjoni hija ta' spiss insuffiċjenti għall-ġudikatura. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, minn naħa waħda, ma ġiet stabbilita l-ebda struttura ġudizzjarja speċjalizzata li tittratta l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, u, min-naħa l-oħra, l-ebda prosekutur jew imħallef speċjalizzat ma huwa assenjat speċifikament biex jitratta każijiet kriminali f'dan il-qasam. Madankollu, dan ma jeskludix il-possibbiltà li l-prosekuturi u l-imħallfin setgħu kisbu għarfien espert speċifiku de facto fit-trattament ta' każijiet ta' kriminalità ambjentali, inkluż kriminalità relatata mal-iskart. Rakkomandazzjonijiet rilevanti ġew indirizzati lil diversi Stati Membri, bil-ħsieb li tiżdied l-ispeċjalizzazzjoni tal-ġudikatura f'dan il-qasam.

It-taħriġ kontinwu regolari u estensiv, kemm fil-bidu tal-karrieri kif ukoll matulhom, inkluż it-taħriġ konġunt għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, huwa wkoll essenzjali biex jinkisbu tali speċjalizzazzjoni u għarfien espert u biex jiġi żgurat li l-persunal rilevanti jibqa' konsistentement aġġornat mal-leġislazzjoni u r-rekwiżiti proċedurali li qed jevolvu kontinwament f'dan il-qasam. Dan għandu jinkludi wkoll il-parteċipazzjoni fl-opportunitajiet ta' taħriġ disponibbli fil-livell tal-UE, bħas-CEPOL u n-netwerks rilevanti.

F'xi Stati Membri s-servizzi/unitajiet tal-pulizija speċjalizzati li jittrattaw il-kriminalità ambjentali jappartjenu lid-dipartimenti tal-kriminalità ekonomika u finanzjarja fi ħdan il-pulizija nazzjonali, u dan tqies bħala l-aħjar prattika, peress li l-kriminalità ambjentali hija prinċipalment immotivata minn gwadann finanzjarju u tista' teħtieġ investigazzjonijiet finanzjarji.

Nuqqas ieħor identifikat fl-evalwazzjoni huwa li l-għadd ta' spetturi u tal-ispezzjonijiet li fil-fatt twettqu, inkluż l-ispezzjonijiet fiżiċi, ta' spiss huwa insuffiċjenti biex tiġi miġġielda b'mod adegwat il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

Iż-żewġ aspetti huma marbuta, billi nuqqas ta' riżorsi umani jirriżulta f'għadd żgħir ta' kontrolli (speċjalment kontrolli ad hoc u investigazzjonijiet ambjentali u finanzjarji kkombinati, eċċ.) u ta' investigazzjonijiet speċifiċi. Ir-rata ta' kxif ta' kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, hija konsegwentement pjuttost baxxa u f'ċerti każijiet il-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' dawn it-tipi ta' kriminalità hija statistikament irrilevanti. Dan jista' jagħti l-impressjoni li tali kriminalità ma teżistix u b'hekk jipprevjeni lill-Istati Membri milli jsaħħu s-sistemi ta' monitoraġġ u ta' infurzar tagħhom biex jiġġieldu dawn il-forom ta' kriminalità. Dawn il-fatturi kollha jikkawżaw nuqqas ta' proattività f'hafta Stati Membri.

B'mod partikolari fir-rigward tal-azzjoni preventiva, filwaqt li xi Stati Membri esprimew il-fehma li l-leġislazzjoni, l-ispezzjonijiet u r-rekwiżiti għal liċenzji jistgħu jkunu biżżejjed biex jipprevjenu dawn il-forom ta' kriminalità, Stati Membri oħra huma aktar attivi u involuti fi programmi ta' prevenzjoni, informazzjoni, edukazzjoni, sensibilizzazzjoni, eċċ.

L-Istati Membri kollha stabbilixxew qafas legali biex jindirizzaw il-kriminalità ambjentali inkluż dik marbuta mal-iskart, b'definizzjoni ta' reati u pjeni relatati. Madankollu, skont is-sejbiet tal-evalwazzjoni, f'ċerti Stati Membri l-potenzjal tas-sistemi tal-infurzar tal-liġi u dawk tal-liġi kriminali mhux qed jintuża kollu kemm hu, f'xi każijiet x'aktarx minħabba li l-infurzar amministrattiv qed jitqies bħala inqas problematiku u aktar effettiv mis-segwitu ġudizzjarju. Għalhekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni, ġie rakkomandat lil dawn l-Istati Membri li jivvalutaw mill-ġdid il-bilanċ bejn l-approċċ amministrattiv u dak kriminali għal dawn il-forom ta' kriminalità.

Barra minn hekk, id-distinzjoni bejn is-sistemi ta' pjeni amministrattivi u dawk kriminali mhux dejjem hija ċara ħafna minħabba n-nuqqas ta' definizzjonijiet legali u jew in-nuqqas ta' ċarezza tagħhom. Għalhekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni, ġie rakkomandat lill-Istati Membri kkonċernati biex jiċċaraw id-distinzjoni bejn delitti u mġiba skorretta, abbażi ta' kriterji predefiniti preċiżi, sabiex ma jkun hemm ebda dubju dwar il-gravità tad-delitt ambjentali.

Sfida oħra identifikata fl-evalwazzjoni hija marbuta ma' ċerti diffikultajiet fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' ċerti kunċetti, bħal "ħsara ambjentali", "riskju ta' ħsara", u "l-estent tal-ħsara", li ta' spiss huma interpretati fuq bażi ta' każ b'każ mill-prosekuturi. Għalhekk, kien irrakkomandat lill-Istati Membri kkonċernati rieżami ulterjuri tal-leġislazzjoni u/jew tal-adozzjoni ta' linji gwida rilevanti biex jiġu ffaċilitati dawn il-kompiti.

Ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi għal delitti relatati mal-iskart ġiet prevista mill-Istati Membri f'forom differenti. Xi wħud ipprevedew ir-responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi f'dan ir-rigward. Oħrajn ipprevedew ir-responsabbiltà amministrattiva. F'ċerti Stati Membri fejn ġew previsti biss multi korporattivi, tali multi tqiesu bħala insuffiċjenti.

F'xi Stati Membri l-użu ta' tekniki investigattivi speċjali (bħall-osservazzjoni, l-infiltrazzjoni, it-tappjar telefoniku, eċċ.) biex tiġi investigata l-kriminalità ambjentali, inkluż kriminalità marbuta mal-iskart, mhuwiex permess, sakemm ma jkunx hemm rabta ma' reati ekonomiċi u finanzjarji. Dawk l-Istati Membri ġie rakkomandat lilhom li jipprevedu din il-possibbiltà, sa fejn din tkun proporzjonata fir-rigward tar-reat ikkonċernat.

Ġew enfasizzati xi diffikultajiet fir-rigward tal-evidenza, inkluż l-ammissibbiltà tal-evidenza miġbura mill-awtoritajiet amministrattivi, li mhijiex soġġetta għar-regoli proċedurali kriminali stretti applikabbli u li għalhekk ma tistax tintuża dejjem fi proċedimenti ġudizzjarji.

Is-settur privat għandu rwol importanti fil-protezzjoni tal-ambjent u fl-attivitajiet ta' prevenzjoni u ta' sensibilizzazzjoni; il-kooperazzjoni ta' dan is-settur mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tista' tagħti kontribut ewlieni billi jitwasslu rapporti ta' ħsara ambjentali. Madankollu, il-livell u l-forom ta' kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat ivarjaw bejn l-Istati Membri; fi wħud minnhom din issir b'mod informali, filwaqt li f'oħrajn jeżisti qafas formali għal sħubijiet pubbliċi/privati, ta' spiss ibbażati fuq protokollu jew memoranda ta' qbil. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, l-istabbiliment ta' tali forom ta' kooperazzjoni strutturati ġie rakkomandat lil dawk l-Istati Membri li għad ma għandhomx.

Fir-rigward b'mod partikolari tal-NGOs, dawn ma jistgħux jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali u jkunu "parte civile" fl-Istati Membri kollha; f'xi każijiet il-kontribut tagħhom huwa limitat għall-preżentazzjoni ta' lmenti u għat-twettiq ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' edukazzjoni; fi wħud mill-Istati Membri, l-NGOs ma għandhom ebda rwol sinifikanti f'dan il-qasam.

Bil-ħsieb li jitħeġġeġ ir-rapportar ta' kontravvenzjonijiet ambjentali miċ-ċittadini, l-awtoritajiet kompetenti fi wħud mill-Istati Membri ħadu miżuri (bħal hotlines, applikazzjonijiet għall-smartphones jew għodod online) biex jiffaċilitaw l-anonimità ta' tali rapportar.

Hemm gradi differenti ta' familjarità min-naħa tal-pulizija, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet ġudizzjarji u livelli differenti ta' parteċipazzjoni min-naħa ta' tagħhom fl-attivitajiet tal-korpi u netwerks tal-UE u ta' fora internazzjonali attivi fil-qasam tal-kriminalità ambjentali; f'ċerti każijiet hemm lok għal kooperazzjoni internazzjonali aktar stretta u formalizzata.

L-appoġġ u l-koordinazzjoni pprovduti mill-Europol, il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) ġeneralment huma apprezzati mill-Istati Membri; madankollu, f'ċerti każijiet il-kooperazzjoni magħhom tista' tissaħħaħ, peress li s-servizzi u l-prodotti li jistgħu jipprovdu fir-rigward tal-kriminalità ambjentali mhux dejjem jintużaw b'mod sħiħ minn ċerti Stati Membri.

Il-kapaċità tas-sistemi tal-Istati Membri li jipprevjenu jew jikxfu vjeġġi illegali ta' skart tiddependi fuq kolli mil-livell tal-attenzjoni/prijoritizzazzjoni u hija influwenzata minn diversi fatturi, bħal pereżempju d-disponibbiltà ta' riżorsi umani u tekniċi, il-livell tal-ispeċjalizzazzjoni ta' tagħhom, l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa, l-effiċjenza tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kollha involuti fil-livell nazzjonali u tal-kooperazzjoni internazzjonali mal-istati tal-orijini u tad-destinazzjoni tal-iskart, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat ir-ritorn tal-iskart lejn dawn il-pajjiżi u l-immaniġġar xierqa tiegħu. F'termini ġenerali, l-evalwazzjoni enfasizzat li f'bosta Stati Membri jista' jkun hemm lok għal titjib fi wħud minn dawn il-punti biex titjeb il-kapaċità tas-sistema ta' tagħhom biex jindirizzaw dawn il-forom ta' kriminalità b'mod aktar effiċjenti.

F'xi Stati Membri, l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) u vetturi li m'għadhomx jintużaw (ELVs) jitqiesu flussi ta' skart prijoritarji u huma soġġetti għal attivitajiet u analiżi ta' spezzjoni speċifiċi, li jinvolvu mhux biss kontrolli dokumentarji iżda wkoll kontrolli fiżiċi; iżda miżuri bħal dawn mhumiex previsti fl-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri ġew imħeġġa jikkunsidraw il-kriminalità ambjentali, u b'mod aktar speċifiku l-vjeġġi illegali ta' skart, minn perspettiva usa', bħala parti mill-kriminalità ekonomika ta' spiss imwettqa minn gruppi ta' kriminalità organizzata, u jqisu l-aspetti ekonomiċi tagħha u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha għall-ambjent naturali u għas-soċjetà.

Fir-rigward tal-produzzjoni u l-immaniġġar ta' sustanzi perikolużi, li fir-rigward tagħhom l-attivitajiet illegali jista' jkollhom impatt sinifikanti mhux biss fuq l-ambjent, iżda wkoll fuq is-saħħa pubblika, l-evalwazzjoni enfasizzat li huwa ta' importanza kbira li jkun żgurat rispons koordinat xieraq għat-theddid li jirriżulta minn materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari. Għal dan il-għan, l-evalwazzjoni enfasizzat l-importanza ta' kontrolli adegwati u tal-użu ta' intelligence u l-valutazzjoni tar-riskju, kif ukoll ta' forom strutturati ta' kooperazzjoni, bil-ħsieb li jissaħħu s-sistemi ta' kxif u ta' infurzar tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-kapaċità li jitwettaq il-kompitu tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, li huwa kumpless, jinvolvi diversi aġenziji u jeħtieġ riżorsi umani u finanzjarji adegwati, tvarja bejn l-Istati Membri. F'termini ġenerali, huwa rrakkomandat livell oġġla ta' prijoritizzazzjoni fil-livell politiku u strateġiku, sabiex jiġi żgurat li hemm sistema effiċjenti ta' monitoraġġ u infurzar f'dan il-qasam.

B'mod aktar ġenerali, aktar sforzi mill-Istati Membri biex jużaw il-potenzjal sħiħ tas-sistemi nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u tal-liġi kriminali, billi jinvolvu l-partijiet ikkonċernati kollha fl-istess livell, u billi jużaw l-għodod kollha disponibbli b'mod effiċjenti u jrawmu kooperazzjoni internazzjonali, jistgħu jikkontribwixxu biex tinkiseb ġestjoni aħjar ta' kwistjonijiet ambjentali fl-UE kollha kemm hi u f'kuntest transkonfinali.

III - STRATEĠIJA AMBJENTALI NAZZJONALI

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Fil-mument li saret l-evalwazzjoni, fil-maġġoranza tal-Istati Membri ma kienx hemm approċċ strateġiku li jindirizza l-kriminalità ambjentali, u fil-biċċa l-kbira tagħhom ma kien hemm l-ebda dokument strateġiku uniku li jiddefinixxi l-politika nazzjonali dwar il-ġlieda kontra din il-forma ta' kriminalità b'mod komprensiv.

Kienu biss ftit Stati Membri li stabbilixxew Strateġija Ambjentali Nazzjonali globali li tiddefinixxi l-politika nazzjonali fil-livell ċentrali, li l-adozzjoni tagħha għandha titqies bħala eżempju tal-aħjar Prattika li għandha tiġi segwita mill-Istati Membri l-oħra.

Għalhekk, f'ħafna mir-rapporti ta' evalwazzjoni, l-esperti enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi vvalutat mill-ġdid il-livell ta' prijorità għal dan it-tip ta' kriminalità.

Fi ftit Stati Membri, l-elementi orjentati b'mod strateġiku huma stabbiliti f'qafas aktar ġenerali li jindirizza wkoll kwistjonijiet relatati mal-kriminalità ambjentali, jew f'sett ta' dokumenti speċifiċi differenti, bħal pjanijiet ta' azzjoni, programmi jew proġetti nazzjonali, li jiddefinixxu l-miri li għandhom jintlaħqu fil-livell nazzjonali u l-kompiti li jridu jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Dawn id-dokumenti, sa ċertu punt, jista' jkollhom rwol strateġiku fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali; madankollu, f'xi każijiet, huma limitati biex jipprevedu azzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet ambjentali biss, u mhux mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi l-oħrajn.

Dokumenti oħrajn adottati mill-Istati Membri skont il-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart huma fis-seħħ, bħal: il-Pjan Nazzjonali tal-Immaniġġar tal-Iskart, li jikkostitwixxi rekwiżit legali stabbilit skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, u li fih għadd ta' miżuri relatati mal-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-iskart; il-Pjan Nazzjonali ta' Spezzjoni Ambjentali, li jikkostitwixxi rekwiżit legali skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 660/2014 (ir-Regolament dwar Vjeggji ta' Skart) u li jirregola l-ispezzjonijiet u l-kontrolli ta' vjeggji transkonfinali ta' skart.

Madankollu, anki jekk dawn id-dokumenti jiddefinixxu rispettivament ċerti aspetti ta' konformità fil-qasam tal-monitoraġġ tal-iskart u l-kontroll tal-vjeggji tal-iskart b'rabta ma' miri speċifiċi u l-miżuri u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex dawn jintlaħqu, kif ukoll kompiti relatati tal-awtoritajiet kompetenti f'dan il-kuntest, dawn jirriflettu politiki speċifiċi għas-settur u ma jikkostitwixxux strateġija nazzjonali globali kontra l-kriminalità ambjentali.

F'uħud mill-Istati Membri, l-approċċ strateġiku għall-kriminalità ambjentali huwa appoġġat mill-istabbiliment ta' korpi jew entitajiet b'funzjonijiet ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ambjentali Nazzjonali, u b'hekk tiġi żgurata koerenza ġenerali fil-politika nazzjonali biex tiġi indirizzata din il-forma ta' kriminalità; dan jista' jitqies bħala Prattika tajba li għandha tiġi segwita mill-Istati Membri l-oħra.

B'mod ġenerali, in-nuqqas ta' approċċ strateġiku jista' jwassal għar-riskju ta' nuqqas ta' uniformità fl-indirizzar ta' din il-forma ta' kriminalità. Dan huwa saħansitra aktar evidenti f'dawk l-Istati Membri fejn il-kompetenzi għal kwistjonijiet ambjentali huma frammentati ħafna, fejn approċċ strateġiku li jinvolvi l-awtoritajiet kollha fil-livell politiku huwa għalhekk aktar importanti.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, il-ħtieġa ta' approċċ ġenerali orjentat b'mod strateġiku dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali u l-ġlieda kontriha, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart, li jinkludi attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' infurzar tal-liġi, ġiet għaldaqstant enfasizzata ripetutamente.

Għal dak il-għan, ġie nnutat li dokumenti u pjanijiet ta' prevenzjoni jew ta' ġestjoni għandhom ikunu sostnuti minn strateġija nazzjonali li tistabbilixxi prijoritajiet nazzjonali fil-livelli politiċi u dawk amministrattivi f'dan il-qasam, fuq il-bażi ta' analiżi ġenerali tal-kriminalità ambjentali fil-livell nazzjonali, sabiex ikun hemm qafas koerenti biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' dan il-fenomeno kriminali.

Strateġija nazzjonali kkoordinata tagħmilha possibbli li jiġi stabbilit qafas aktar formali għall-politika nazzjonali u kooperazzjoni fil-livell strateġiku u għalhekk li jittejbu l-prevenzjoni, il-kxif u l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali fil-livell nazzjonali u madwar l-UE.

Approċċ strateġiku jgħin ukoll biex jiġu identifikati prijoritajiet nazzjonali fir-rigward tar-riċerka, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni f'dan il-qasam, biex jiġu definiti r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-atturi rilevanti kollha, kif ukoll biex jiġi żgurat li kollha kemm huma jispeċjalizzaw u jiġu mħarrġa u jikkooperaw b'mod effettiv. Dan jikkontribwixxi biex jiġu identifikati r-reati u n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni rilevanti permezz ta' infurzar ambjentali aktar effettiv.

Fil-mument tal-evalwazzjoni, ma kien hemm ebda baġit speċifiku allokat f'xi wieħed mill-Istati Membri evalwati għall-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali jew il-ġlieda kontriha. Madankollu, dan ma jidhirx li għandu impatt negattiv, għaliex l-Istati Membri jirnexxilhom jużaw il-baġit ġenerali tal-infurzar tal-liġi jew il-finanzjament tal-UE biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom f'dan il-qasam.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- *L-Istati Membri li għadhom ma adottawx Strateġija Ambjentali Nazzjonali dwar il-kriminalità ambjentali huma mħeġġa jagħmlu dan fl-aħjar żmien possibbli u li jikkunsidraw ukoll l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' tali strateġija, bil-ħsieb li jitjiebu l-koerenza u l-konsistenza ġenerali tal-azzjonijiet rilevanti f'dan il-qasam.*
- *L-istrateġija għandha tiddeskrivi l-oġettivi u l-prijoritajiet tal-politika nazzjonali f'dan il-qasam tal-kriminalità, tistabbilixxi b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fil-ġlieda kontra din l-attività kriminali u l-modi tal-kooperazzjoni tagħhom, ir-riżorsi meħtieġa u l-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-monitoraġġ regolari tar-riżultati miksuba.*
- *Hu rrakkomandat ukoll lill-Istati Membri li jattribwixxu funzjonijiet ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija msemmija hawn fuq lil korp/entità jew struttura kooperattiva unika u li jiżguraw li tiġi aġġornata u rieżaminata b'mod regolari, b'approċċ ibbażat fuq analiżi tar-riskji, sabiex jitqiesu l-iżviluppi u x-xejriet rilevanti u t-theddid relatat fir-rigward tal-kriminalità ambjentali.*

IV - STATISTIKA

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Wieħed min-nuqqasijiet ewlenin identifikati mit-tmien ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi fil-maġġoranza tal-Istati Membri jikkonċerna l-ġbir, mill-awtoritajiet amministrattivi, dawk tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, ta' statistika kompluta, affidabbli u aġġornata dwar il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, li tkopri l-kontroll, l-investigazzjoni, u s-segwitu għal każijiet ta' kontravvenzjoni ambjentali.

L-istatistika pprovduta mill-Istati Membri fil-kuntest tal-evalwazzjoni reċiproka f'ħafna każijiet mhijiex kompluta, xi drabi la ma tinkludi t-tipi kollha ta' delitti marbuta mal-iskart, u lanqas ma jkollha dettalji suffiċjenti. Din l-istatistika spiss ma titqassamx skont it-tipi speċifiċi ta' delitti ambjentali, u b'hekk ma jintweriex liema proporzjon ta' kriminalità ambjentali hija marbuta ma' delitti marbuta mal-iskart, jew l-għadd ta' trasgressuri. Xi Stati Membri għandhom sistemi fis-seħħ fejn il-korpi rilevanti kollha jiġbru statistika ambjentali, iżda din id-data ma tiġix ipproċessata ċentralment; f'każijiet oħra, mhux l-awtoritajiet kollha involuti fl-indirizzar tal-kriminalità ambjentali jiġbru l-istatistika rilevanti.

Barra minn hekk, l-istatistika rrapportata ħafna drabi ma tkoprix l-istadji kollha tal-proċedimenti amministrattivi u kriminali, u b'hekk tagħmilha impossibbli li jinsiltu konklużjonijiet fir-rigward tal-progress u l-eżitu ta' każijiet u proċedimenti speċifiċi. F'ċerti każijiet, għalkemm jintwera l-għadd ta' prosekuzzjonijiet, l-istatistika ma tipprovdi informazzjoni rigward l-għadd ta' investigazzjonijiet li nġhalqu jew l-għadd ta' kundanni, u b'hekk tagħmilha impossibbli li jitqabbel l-għadd ta' każijiet investigati mal-għadd ta' persuni li ġew imħarrka u li ġew ikkundannati.

Għandu jiġi enfasizzat li statistika komprensiva għandha tkopri kull reat ambjentali, kemm reati kriminali kif ukoll reati minuri, fl-istadji kollha tal-proċedimenti - spezzjonijiet amministrattivi, investigazzjonijiet kriminali, prosekuzzjoni, proċess.

Fost l-oħrajn, din l-istatistika tista' tinkludi t-tip ta' reat kriminali u l-miżura investigattiva speċifika, l-għadd ta' reati rrapportati, l-għadd ta' investigazzjonijiet imwettqa u d-deċiżjonijiet li ma jiġux investigati ċerti tipi ta' kriminalità ambjentali, l-għadd ta' prosekuzzjonijiet u kundanni, il-pieni, ir-reati amministrattivi u l-multi applikati, l-għadd ta' vittmi u tal-ilmenti tal-vittmi, l-għadd ta' każijiet transkonfinali, l-eżitu tat-talbiet għal assistenza legali reċiproka/Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropea u t-tul tal-proċedura.

F'ebda Stat Membru ma hemm awtorità unika għall-ġestjoni u koordinazzjoni ċentrali tal-istatistika, u fil-biċċa l-kbira tagħhom ma teżisti ebda ġabra ċentralizzata ta' statistika dwar il-kriminalità marbuta mal-iskart. Minflok, tali statistika hija disponibbli, iżda tinżamm separatament minn kull awtorità nazzjonali abbażi tas-sistema tagħha stess u la tiġi skambjata bejniethom u lanqas ma tiġi użata biex jiġi kkwantifikat ix-xogħol li sar jew biex issir analiżi fil-fond. Barra minn hekk, is-sistemi tal-istatistika huma indipendenti minn xulxin u spiss ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-awtoritajiet, bi kriterji differenti u/jew bl-użu ta' bażijiet ta' data differenti.

F'xi Stati Membri hemm għodod żviluppati sew għall-ġestjoni tal-informazzjoni u l-ġbir tad-data, għar-reġistrazzjoni u r-rapportar tal-informazzjoni rilevanti kollha fil-qasam ambjentali, aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u b'aċċess limitat għall-pubbliku, li tqiesu bħala prattiki tajba mit-timijiet ta' evalwazzjoni. Madankollu, anki f'dawn il-każijiet, istituzzjonijiet differenti għandhom is-sistemi tagħhom għall-ġbir tad-data, mingħajr ebda interoperabbiltà bejniethom; għalhekk, hemm lok għal titjib fir-rigward tar-rabtiet bejn sistemi eżistenti u t-tqabbil u l-analiżi tal-informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet.

Huwa biss fi ftit Stati Membri li hemm inizjattivi jew pjanijiet għaddejjin rigward l-istabbiliment possibbli ta' pjattaformi komuni biex tinġabar l-istatistika dwar il-kriminalità ambjentali bejn awtoritajiet differenti jew biex jiġi introdott rekwiżit ta' rappurtar ta' tali data lil awtorità nazzjonali waħda.

B'riżorsi statistiċi individwali multipli u ebda bażi ta' data ċentralizzata dwar il-kriminalità ambjentali jew tal-anqas ta' statistika interkonnessa u integrata, ma hemm disponibbli ebda ċifra konsolidata globali għad-delitti rrapportati f'dan il-qasam u ma hemm ebda analiżi tas-sett komplut tad-data.

Konsegwentement, hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar il-fluss kollu tal-każijiet mill-awtoritajiet amministrattivi, il-pulizija, l-uffiċċji tal-prosekutur u l-qrati, u l-kriminalità ambjentali ma tistax tiġi ttraċċata f'sistema unika ta' statistika sabiex tingħata stampa ġenerali ta' dan il-fenomenu kriminali.

In-nuqqas ta' statistika koerenti jhedded li jdgħajjef il-valutazzjoni ġenerali tal-ħidma mwettqa mill-atturi kollha involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u jista' wkoll jagħmel diffiċli l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-gvernijiet f'dan il-qasam.

Approċċ ċentralizzat u integrat għall-ġbir tad-data statistika ambjentali kollha b'mod komprensiv, sistematiku u affidabbli, possibbilment permezz tal-ħolqien ta' bażi ta' data ċentralizzata u/jew ta' awtorità ċentrali responsabbli għall-ġestjoni tad-data rilevanti, huwa għalhekk kruċjali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni, u dan jippermetti li d-data miġbura mill-istituzzjonijiet differenti tiġi mqabbla u analizzata.

Minn naħa waħda, dan jagħmel possibbli analiżi dettaljata tal-firxa ta' xejriet ġodda u żviluppi ġodda f'dan il-qasam kif ukoll għarfien dwarhom u b'hekk ikun hemm stampa globali realistika ta' dan il-fenomeni kriminali emerġenti.

Min-naħa l-oħra, jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-intelligence u l-valutazzjonijiet u l-analiżi tar-riskji, kif ukoll evalwazzjoni tal-effikaċja tas-sistemi legali u ta' infurzar nazzjonali fil-qasam tal-ambjent, bil-ħsieb ta' adozzjoni jew, fejn xieraq, ta' adattament ta' azzjoni preventiva u ta' segwitu xierqa biex jiġu miġġielda l-attivitajiet kriminali f'dan il-qasam kif adatt.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- *L-Istati Membri huma mħeġġa jżviluppaw approċċ ċentralizzati u integrat għall-ġbir ta' statistika sistematika, affidabbli u aġġornata dwar il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, minn kull awtorità kompetenti, bil-għan li jkunu possibbli tqabbil u analiżi konsistenti u koerenti tal-informazzjoni rilevanti fost l-istituzzjonijiet⁸.*
- *L-istatistika msemmija hawn fuq għandha tkopri r-reati ambjentali rrappurtati kollha u kull stadju tal-proċedimenti kriminali u amministrattivi relatati, b'data diżaggregata dwar il-kriminalità ambjentali, kif ukoll raggruppamenti u analiżi ta' metadata, u għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.*
- *L-Istati Membri għandhom jużaw id-data statistika disponibbli dwar il-kriminalità ambjentali biex jżviluppaw valutazzjonijiet komprensivi bbażati fuq ir-riskju ambjentali u biex iwettqu evalwazzjonijiet strateġiċi, bil-ħsieb li jivvalutaw l-effikaċja tas-sistemi nazzjonali tagħhom u biex jadattawhom, fejn xieraq, sabiex tiġi miġġielda din il-forma ta' kriminalità b'mod aktar effettiv.*

⁸ Għadd ta' Stati Membri qajmu tħassib fir-rigward ta' din ir-rakkomandazzjoni, u enfasizzaw, fost affarijiet oħra, li l-implimentazzjoni tagħha tkun teħtieġ riżorsi konsiderevoli jew li l-interkonnessjoni tal-istatistika tista' tkun diffiċli.

- *L-Istati Membri huma mħeġġa jtejbu l-kanali ta' informazzjoni dwar id-data marbuta mal-kriminalità ambjentali bejn l-awtoritajiet kompetenti, billi jikkunsidraw il-ħolqien ta' bażi ta' data ċentralizzata jew billi jiżguraw l-interkonnnessjoni u l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet ta' data eżistenti, kif ukoll l-istabiliment ta' awtorità ċentrali responsabbli għall-ġestjoni tad-data rilevanti.*

V- AZZJONI PREVENTIVA

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

L-aħjar mod biex jiġu evitati l-kontravvenzjonijiet ambjentali huwa li jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni f'dan il-qasam. Madankollu, azzjoni ta' prevenzjoni effettiva hija komponent kumpless li jinvolvi diversi aġenziji fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

F'termini ġenerali, dawn il-forom ta' kriminalità huma prevenuti permezz tal-istruttura regolatorja u s-superviżjoni kontinwa: funzjoni preventiva ġenerali f'dan il-qasam hija żgurata bl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-pieni, b'verifiki fuq il-post regolari, imħabbra u mhumiex, kif ukoll bir-rekwiżiti imposti għall-ġhoti ta' permessi u liċenzji.

B'mod partikolari, l-awtorizzazzjonijiet għall-operazzjoni ta' faċilitajiet u biex jinġabar jew jiġi ttrasportat l-iskart, kif ukoll l-obbligi b'rabta mad-dikjarazzjonijiet tal-flussi ta' skart u l-forniment ta' informazzjoni ambjentali oħra, jimponu kondizzjonijiet operattivi ċari li jipproteġu l-ambjent u jnaqqsu r-riskju ta' frodi.

Barra minn hekk, il-leġislazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2004/35/KE tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali, u b'mod partikolari l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" li fuqu hija bbażata, tikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali.

Regolamenti u direttivi nazzjonali dwar l-iskart li jkun fihom rekwiżiti ta' monitoraġġ għar-rimi xieraq u sikur tal-iskart, jistgħu wkoll jikkontribwixxu indirettament għall-prevenzjoni ta' kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

Barra minn dawn il-konsiderazzjonijiet, hemm differenzi konsiderevoli fl-approċċi tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart. F'xi Stati Membri, tipprevali s-suppożizzjoni li l-prinċipji u d-dispożizzjonijiet stipulati fil-liġi kriminali u dik amministrattiva – bil-pieni relatati għar-reati ambjentali, flimkien mas-sistema tal-liċenzji u l-ispezzjonijiet ambjentali, meqjusa wkoll bħala mekkaniżmu għall-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali – huma biżżejjed biex jaqdu rwol ta' deterrent u ta' prevenzjoni f'dan il-qasam tal-kriminalità. Għalhekk, f'dawk l-Istati Membri jew ma hemmx, jew ma hemmx biżżejjed, programmi jew proġetti nazzjonali speċifiċi, leġislazzjoni jew inizzjattivi ta' sensibilizzazzjoni pubblika bil-għan ta' prevenzjoni li jimmiraw speċifikament il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

Xi Stati Membri jużaw il-pjanijiet tagħhom għall-immaniġġar tal-iskart u l-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart, li jikkostitwixxu rekwiżit legali impost mid-Direttiva 2008/98/KE, biex jipprevedu azzjonijiet preventivi indirizzati liċ-ċittadini jew lill-operaturi li jaħdmu fil-qasam tal-ambjent.

L-objettiv ewlieni ta' dawn il-programmi huwa, madankollu, li jippreżentaw approċċ nazzjonali kkoordinat għall-prevenzjoni tal-iskart u l-ġenerazzjoni tal-iskart, mingħajr fokus speċifiku fuq il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart. Fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet, ġie enfasizzat f'dan ir-rigward li jkun utli jekk tali pjanijiet jistgħu jiġu appoġġati minn pjan għal attivitajiet ta' monitoraġġ u infurzar tal-liġi li jkollhom fil-mira dawk li jonqsu milli jikkonformaw mal-miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni.

Stati Membri oħra għandhom approċċ aktar attiv fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, u diġà huma involuti f'dan il-qasam b'inizjattivi li jinkludu programmi ta' prevenzjoni, informazzjoni, kampanji ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, li jkollhom fil-mira l-iskejjel, il-komunitajiet lokali, gruppi speċifiċi u s-settur privat, b'mod partikolari l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart.

Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li tali attivitajiet ta' prevenzjoni ħafna drabi jiġu organizzati fil-kuntatt usa' tal-protezzjoni u l-edukazzjoni ambjentali. Filwaqt li l-impatti pożittivi ta' dawk l-azzjonijiet huma ovvjji, peress li jinkoraġġixxu mgħiba legali u s-salvagwardja tal-ambjent, għandu jiġi enfasizzat ukoll li huma ma jimmirawx speċifikament għall-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

Barra minn hekk, il-livell ta' involviment tal-awtoritajiet pubbliċi ambjentali jew tal-infurzar tal-liġi f'dan il-qasam ivarja madwar l-UE. F'xi Stati Membri l-firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' prevenzjoni organizzati u indirizzati lejn setturi differenti tas-soċjetà tqiesu bħala eżempji tal-aħjar prattiki; xi Stati Membri għamlu saħansitra aktar u fil-leġislazzjoni tagħhom ipprovdew dispożizzjonijiet speċifiċi biex jindirizzaw dan it-tip ta' kriminalità, bħall-projbizzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti għall-kummerċ fl-iskart jew il-ħolqien ta' reġistru obligatorju għall-produtturi tal-iskart jew l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart. Fi Stati Membri oħra għad hemm lok għal titjib fil-promozzjoni ulterjuri ta' dawn l-attivitajiet u miżuri.

Hemm ukoll livelli differenti ta' involviment tas-settur privat fil-prevenzjoni tal-kriminalità marbuta mal-iskart, peress li f'xi Stati Membri tali kooperazzjoni ma teżistix jew hija insuffiċjenti, filwaqt li f'oħrajn is-settur privat huwa involut b'mod attiv, fost oħrajn, permezz ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, jew permezz ta' forom ta' kooperazzjoni, għalkemm spiss b'xi lok għal titjib.

Il-livell ta' għarfien ambjentali taċ-ċittadini wkoll ivarja bejn l-Istati Membri. F'xi Stati Membri, l-aktar fejn hemm tradizzjoni ta' protezzjoni tal-ambjent, iċ-ċittadini normalment jirrapportaw delitti ambjentali possibbli li jistgħu jkunu jafu bihom. Bil-ħsieb li jħeġġuhom jagħmlu dan, xi Stati Membri jagħmlu użu minn hotlines, applikazzjonijiet għall-ismartphones jew punt ta' rapportar fil-paġna ewlenija tal-awtoritajiet kompetenti, mingħajr il-ħtieġa li tiġi żvelata l-identità ta' min jirrapporta, u b'hekk il-pubbliku jiġi mħeġġeġ jirrapporta reati allegati.

L-NGOs jistgħu wkoll jaqdu rwol importanti fil-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart, fost oħrajn billi jipprovdu informazzjoni u data lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, iżda s-sitwazzjoni tvarja fl-Istati Membri f'dan ir-rigward ukoll. F'xi Stati Membri l-awtoritajiet pubbliċi jikkooperaw ma' u/jew jipprovdu appoġġ u/jew finanzjament għall-attivitajiet tal-NGOs f'dan il-qasam, filwaqt li fi Stati Membri oħrajn ma hemm ebda kooperazzjoni mal-NGOs jew appoġġ għalihom, jew inkella dawn mhumiex biżżejjed.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, ġie ssottolinjat li t-tweqqif ta' għadd ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika relatati mal-kriminalità marbuta mal-iskart jista' jkun ta' benefiċċju f'termini tal-promozzjoni ta' mgħiba li tosserva l-liġi, konformità aħjar min-naħa tal-operaturi regolati, u/jew ir-rapportar ta' reati possibbli mill-pubbliku; dan jista' jikkontribwixxi għat-titjib tal-prevenzjoni tal-kriminalità marbuta mal-iskart.

Jidher ukoll li huwa utli li jsiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jimmiraw għal ċerti gruppi ta' riskju, imgħiba ta' riskju u flussi ta' skart ta' riskju għoli; enfasi fuq l-edukazzjoni tat-tfal hija partikolarment importanti f'dan il-kuntest.

Barra minn hekk, ġie enfasizzat li t-tixrid tal-informazzjoni dwar il-ħsara kkawżata minn reati ambjentali u dwar każijiet ta' suċċess jista' jkun it-triq 'il quddiem għat-tisħiħ tal-fiducia fl-awtoritajiet pubbliċi u l-inkoraġġiment taċ-ċittadini biex ikunu aktar attivi fir-rapportar ta' reati, peress li l-pubbliku jkun konxju li l-awtoritajiet jirreaġixxu tajjeb għall-ilmenti.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- *L-Istati Membri huma mħeġġa jiprijoritizzaw il-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, u għal dak il-għan jagħmlu użu minn, jew jiżviluppaw aktar, firxa wiesgħa ta' attivitajiet u programmi mmirati kemm għall-pubbliku kif ukoll għas-settur privat.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa b'mod partikolari biex b'mod regolari jwettqu kampanji ta' informazzjoni pubblika, edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart, billi, fost oħrajn, iqiegħdu fil-mira gruppi ta' riskju speċifiċi (b'mod partikolari t-tfal), l-imġiba ta' riskju u flussi ta' skart ta' riskju għoli.*
- *L-Istati Membri huma wkoll mistiedna jikkunsidraw l-istabbiliment ta' punti ta' rapportar iddedikati għall-kriminalità ambjentali, sabiex jinkoraġġixxu liċ-ċittadini jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar reati ambjentali possibbli.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jrawmu l-kooperazzjoni mas-settur privat, inkluż l-NGOs, fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart.*

VI - STRUTTURI - IL-ĠUDIKATURA

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

L-istruttura u l-organizzazzjoni tal-ġudikatura jvarjaw fost l-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' liema korpi għandhom il-kompetenza biex jittrattaw każijiet ta' kriminalità ambjentali, inkluż kriminalità marbuta mal-iskart.

Minħabba l-ispeċifiċità tal-liġi ambjentali u l-kumplessità involuta fil-kaxif tan-nonkonformità fil-qasam ambjentali, investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni b'suċċess f'każijiet ta' kriminalità ambjentali jiddependu ħafna minn kemm huma ta' ħila u ta' esperjenza l-awtoritajiet responsabbli mill-investigazzjoni u mill-proċess. Livell tajjeb ta' fehim u għarfien speċjalizzat min-naħa tal-ġudikatura f'dan il-qasam huwa għalhekk ta' importanza kbira.

Madankollu, skont is-sejbiet tal-evalwazzjoni reċiproka, il-livell ta' speċjalizzazzjoni u għarfien espert speċifiku fi ħdan il-ġudikatura fil-qasam tal-kriminalità ambjentali spiss mhuwiex sodisfaċenti. Għadd sinifikanti ta' Stati Membri ma għandhomx strutturi speċjalizzati formali jew prosekuturi li jispeċjalizzaw fil-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, li ħafna drabi tiġi ttrattata mill-uffiċċji tal-prosekuzzjoni ġenerali. Madankollu, xi Stati Membri għandhom prosekuturi speċjalizzati jew servizzi speċjalizzati fi ħdan l-Uffiċċji tal-Prosekuzzjoni li jittrattaw il-kriminalità ambjentali, inkluż reati marbuta mal-iskart.

F'xi Stati Membri r-responsabbiltà biex jiġu ttrattati tali reati normalment taqa' de facto fuq il-prosekuturi u l-imħallfin pubbliċi, li jkunu ġew imħarrġa jew kisbu għarfien speċjalizzat sempliċiment permezz tal-ħidma ta' kuljum u l-impenn personali tagħhom. Madankollu, f'ħafna każijiet dan huwa pjuttost limitat minħabba ċ-ċifri baxxi ta' reati ambjentali, inkluż dawk marbuta mal-iskart; dan ma jistax jiżgura l-kontinwità u ma jistax jitqies b'ħala soluzzjoni xierqa fit-tul.

F'xi Stati Membri, hemm netwerks nazzjonali ta' prosekuturi li jispeċjalizzaw fil-kriminalità ambjentali, li jista' jitqies b'ħala Prattika tajba, peress li jippermetti skambju ta' għarfien u esperjenza u jiffaċilita it-tixrid tal-aħjar Prattiki fost il-prattikanti, u b'hekk jikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni b'rabta ma' kwistjonijiet marbuta mal-kriminalità ambjentali fi ħdan il-ġudikatura.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, ġie għalhekk enfasizzat li l-prosekuturi pubbliċi li jispeċjalizzaw fil-kriminalità ambjentali huma essenzjali għas-suċċess tal-investigazzjonijiet u l-proċedimenti tal-qorti, b'kont meħud li l-valutazzjoni tagħhom tal-fatti fil-bidu nett ta' każ tista' tkun deċiżiva. Huma jridu jkunu jafu wkoll kif jibnu l-każ, peress li jridu jiggwidaw lill-pulizija u jikkordinaw l-azzjoni ta' awtoritajiet oħra fl-investigazzjoni preliminari u jissorveljaw il-ġbir tal-evidenza.

In-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni huwa saħansitra aktar rilevanti fir-rigward tal-imħallfin. Fi kważi l-Istati Membri kollha, m'hemmx awli/ imħallfin speċifiċi fil-qrati kriminali responsabbli biex jeżaminaw u jaġġudikaw il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart. Huwa biss fil-pajjiżi fejn il-qrati jittrattaw għadd sinifikanti ta' delitti ambjentali li l-imħallfin għandhom l-opportunità li jiksbu esperjenza fil-qasam. Madankollu, f'ħafna Stati Membri l-qrati mhux dejjem ikunu jistgħu jiġġestixxu proċedimenti kbar ambjentali u relatati mal-iskart, minħabba kemm in-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni fost l-imħallfin kif ukoll in-nuqqas ta' persunal.

Mingħajr għarfien speċifiku tal-kriminalità ambjentali, l-imħallfin, li suppost jittrattaw l-aktar każijiet importanti ta' kriminalità ambjentali, x'aktarx li jissottovalutaw il-kumplessità possibbli tal-evidenza u ż-żmien meħtieġ għas-seduti tal-qorti involuti meta mqabbel ma' każijiet ta' kriminalità ordinarja.

Madankollu, dan ma jeskludix il-possibbiltà li l-prosekuturi u l-imħallfin setgħu kisbu għarfien espert speċifiku de facto fit-trattament ta' każijiet ta' kriminalità ambjentali, inkluż kriminalità marbuta mal-iskart.

Aktar speċjalizzazzjoni mill-imħallfin kriminali rigward il-kriminalità ambjentali inġenerali, u b'mod partikolari l-kriminalità marbuta mal-iskart, hija vvalutata bħala waħda meħtieġa, peress li din iżżid ir-reżiljenza tas-sistemi nazzjonali fit-trattament tal-każijiet ta' kriminalità ambjentali. Għandu jittfakkar ukoll li l-ħtieġa għal imħallfin speċjalizzati fil-kriminalità ambjentali hija enfasizzata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali tat-8 ta' Diċembru 2016.

Dan jista' jinkiseb permezz ta' diversi miżuri, pereżempju billi jiġi pprovdut aktar taħriġ dwar il-kriminalità ambjentali, billi jiġu stabbiliti strutturi ddedikati u bil-parteċipazzjoni tal-imħallfin f'fora internazzjonali.

RAKKOMANDEZZJONIJIET

- *L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw jew iżidu l-livell ta' speċjalizzazzjoni tal-prosekuturi u l-imħallfin tagħhom, bil-għan li jitwettqu b'mod effiċjenti l-prosekuzzjoni u s-sanzjonar tal-kriminalità ambjentali.*
- *Għal dak il-għan, huma għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu strutturi/unitajiet speċjalizzati u/jew jaħtru prosekuturi u mħallfin speċjalizzati b'livell tajjeb ta' fehim u għarfien ta' dan il-qasam kumpless ta' kriminalità, u jipprovdulhom taħriġ kontinwu speċjalizzat fil-kriminalità ambjentali, inkluż b'rabta mal-iskart, il-leġislazzjoni u delitti relatati.*
- *L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-istabbiliment fil-livell nazzjonali ta' netwerks ta' prosekuturi u mħallfin speċjalizzati fil-kriminalità ambjentali, biex jgħinuhom jiskambjaw esperjenzi u jgħinu lil xulxin, bħala miżura għat-titjib tal-effettività tal-ġlieda kontra din it-tip ta' kriminalità.*

VII - STRUTTURI - L-AWTORITAJIET TAL-INFURZAR TAL-LIĠI

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Organizzazzjoni effettiva, integrazzjoni internazzjonali u kompetenza professjonali, inkluż livell tajjeb ta' għarfien u speċjalizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi involuti fil-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, kif ukoll investigazzjonijiet effiċjenti, huma elementi ewlenin biex tiġi indirizzata b'mod effettiv din it-tip ta' kriminalità kumplessa u sofistikata.

L-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri għandhom rwol sinifikanti fl-investigazzjonijiet ta' dawn il-forom ta' kriminalità, bl-eċċezzjoni ta' ftit Stati Membri fejn il-pulizija ma jidhrux li huma attivi biżżejjed u/jew jiġu involuti biss f'investigazzjonijiet ta' kriminalità marbuta mal-iskart meta mitluba mill-awtoritajiet ambjentali jew bl-appoġġ tagħhom.

L-istruttura u l-organizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jvarjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, kemm fir-rigward ta' liema korpi għandhom il-kompetenza għall-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, kif ukoll fir-rigward tal-livell ta' speċjalizzazzjoni fi kwistjonijiet ambjentali.

Livell tajjeb ta' għarfien u speċjalizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huwa wkoll essenzjali, għall-istess raġunijiet kif enfasizzati għall-ġudikatura, għal għieda effettiva kontra din il-forma ta' kriminalità kumplessa u sofistikata. B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni wriet li l-livell ta' speċjalizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huwa oġġla milli dak fil-ġudikatura.

Xi Stati Membri stabbilixxew servizzi ċentrali speċjalizzati fi ħdan l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jittrattaw il-kriminalità ambjentali, li f'xi każijiet jappoġġaw lill-awtoritajiet lokali jew jikkordinaw l-investigazzjoni tal-kriminalità ambjentali madwar il-pajjiż kif ukoll sinerġiji fil-livelli differenti ta' intervent, b'livell għoli ta' speċjalizzazzjoni. Dan jiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni bejn il-pulizija u l-prosekuturi. F'xi Stati Membri hemm ukoll unitajiet speċjalizzati deċentralizzati fil-livelli lokali u/jew reġjonali li jittrattaw speċifikament l-investigazzjonijiet dwar il-kriminalità ambjentali.

L-eżistenza ta' tali servizzi/unitajiet ta' investigazzjoni apposta u investigaturi u timijiet tal-pulizija biex jittrattaw każijiet ta' kriminalità ambjentali ġiet meqjusa bħala Prattika tajba. Fi Stati Membri oħra, tali servizzi/unitajiet speċjalizzati tal-pulizija ma jeżistux, u/jew il-pulizija nazzjonali għandhom nuqqas ta' speċjalizzazzjoni jew speċjalizzazzjoni parzjali biss fil-kriminalità ambjentali, bil-persunal speċjalizzat jieħu ħsieb il-kriminalità ambjentali flimkien ma' responsabbiltajiet oħra jew fil-livell ċentrali biss u mhux fil-livell lokali.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, ġie ssottolinjat li l-istabbiliment ta' unitajiet kompetenti speċjalizzati fi ħdan il-forzi tal-pulizija jista' jtejjeb il-kapaċità ta' investigazzjoni tal-kriminalità marbuta mal-iskart b'mod aktar effettiv, b'mod partikolari l-kriminalità organizzata serja. L-importanza ta' dan il-punt hija enfasizzata wkoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2016 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

F'xi Stati Membri, is-servizzi ċentrali speċjalizzati fil-kriminalità ambjentali jappartjenu fid-dipartimenti tal-kriminalità ekonomika u finanzjarja fi ħdan il-pulizija nazzjonali, li jinkludu wkoll is-servizzi responsabbli għall-indirizzar tal-kriminalità finanzjarja, jew l-investigazzjonijiet li jikkonċernaw delitti ambjentali huma assenjati lis-servizzi tal-kriminalità ekonomika tal-pulizija.

Minħabba li l-kriminalità ambjentali hija prinċipalment motivata minn gwadann finanzjarju, minn perspettiva organizzattiva, dawn l-istrutturi u l-miżuri organizzattivi jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jittrattaw b'mod adegwat l-aspetti finanzjarji tal-investigazzjonijiet dwar il-kriminalità ambjentali u dawn l-approċċi jistgħu jitqiesu bħala l-aħjar prattiki.

F'xi Stati Membri l-għadd tal-persunal tal-pulizija assenjat biex jittratta l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, mhuwiex biżżejjed, u dan jipprevjeni lill-pulizija milli jfittxu b'mod proattiv dawn il-forom spiss moħbija ta' kriminalità.

Is-servizzi tad-dwana huma involuti wkoll fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, waqt li twettaq il-kompiti tagħha ta' kontroll tat-traffiku transfruntier ta' merkanzija, b'mod partikolari fir-rigward ta' vjeġġi transfruntier ta' skart. B'mod ġenerali, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-dwana tidher li hija stabbilita u organizzata sew u li qed twettaq b'mod sodisfaċenti dawn il-kompiti u analiżijiet tar-riskju; madankollu, f'xi ftit każijiet jidher li d-dwana ma għandhiex l-għarfien espert meħtieġ biex tittratta vjeġġi ta' skart illegali u kwistjonijiet speċifiċi marbuta mal-iskart (billi l-qasam ta' għarfien espert tagħha huwa prinċipalment dak fiskali) jew li ma għandhiex disponibbli riżorsi umani suffiċjenti.

RAKKOMANDEZZJONIJIET

- *L-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan huma mħeġġa jistabilixxu fi ħdan is-servizzi tal-pulizija nazzjonali taghom unitajiet speċjalizzati kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali għall-investigazzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, fl-aħjar żmien possibbli sabiex jiġġieldu kontra dawn id-delitti b'mod aktar effettiv.*
- *L-Istati Membri għandhom iżommu u/jew, fejn xieraq, iżidu l-livell ta' speċjalizzazzjoni tal-persunal tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jitratta investigazzjonijiet dwar il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, sabiex jiżguraw l-għarfien espert xieraq għat-trattament ta' dawn il-forom kumplessi ta' kriminalità.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu jew jiżviluppaw aktar l-unitajiet/is-servizzi rilevanti tal-Awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi taghom b'riżorsi umani adegwati sabiex tingħata spinta lill-kapaċità ta' spezzjoni u ta' infurzar taghom fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.*

VIII - STRUTTURI - AWTORITAJIET OĦRA

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-organizzazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-ambjent hija ġeneralment stabbilita sew u l-awtoritajiet ambjentali normalment huma l-atturi ewlenin fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż kriminalità u reati marbuta mal-iskart, minħabba l-livell ġeneralment tajjeb ta' għarfien espert u kompetenza tagħhom u peress li ħafna drabi huma l-ewwel li jikxfu nuqqas ta' konformità f'dan il-qasam.

Il-ministeru bl-ambjent fost ir-responsabbiltajiet tiegħu huwa l-awtorità amministrattiva ċentrali tal-Istat f'dan il-qasam. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, korpi governattivi amministrattivi oħra bħal spettorati ambjentali u/jew aġenziji ddedikati normalment ikollhom il-kompitu li jwettqu kontrolli u spezzjonijiet fil-qasam ambjentali u li jimponu pieni amministrattivi fil-każ ta' reati amministrattivi. Madankollu, dawn il-korpi tfasslu b'mod differenti u s-setgħat tagħhom u/jew l-għadd ta' uffiċjali tagħhom ivarja b'mod sinifikanti minn Stat Membru għal ieħor.

Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-awtoritajiet amministrattivi lokali wkoll għandhom rwol attiv fil-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali u l-infurzar tal-leġislazzjoni ambjentali u normalment ikollhom ukoll is-setgħa li jimponu pieni fir-rigward ta' reati ambjentali li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-livell ta' speċjalizzazzjoni u ta' għarfien fi kwistjonijiet ambjentali tal-awtoritajiet ambjentali amministrattivi huwa ġeneralment sodisfaċenti jew suffiċjenti, għalkemm iwarja minn wieħed għall-ieħor.

Fi Stat Membru wieħed, hemm unità speċjalizzata li tinkludi mhux biss prosekuturi iżda wkoll pulizija u tekniċi b'network madwar it-territorju kollu biex jgħinu lill-atturi kollha involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart; dan jista' jitqies bħala l-aħjar prattika.

Fi ftit Stati Membri, jista' jkun għad hemm lok għal titjib fir-rigward tal-ispeċjalizzazzjoni fis-settur amministrattiv f'dan il-qasam tal-kriminalità sabiex il-prattikanti rilevanti jkollhom il-ħiliet meħtieġa biex iwettqu spezzjonijiet b'mod aktar effettiv.

Barra minn hekk, peress li l-investigazzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, hija kompitu kumpless kemm mil-lat legali/proċedurali kif ukoll minħabba l-aspetti fattwali/xjentifiċi tagħha, l-għarfien espert tekniku speċifiku huwa essenzjali fl-infurzar ambjentali.

Madankollu, kif indikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, f'xi Stati Membri hemm nuqqas ta' għarfien espert kwalifikat u indipendenti. L-istabbiliment fi ftit Stati Membri ta' korpi jew aġenziji speċjalizzati biex jipprovdu tali għarfien espert lill-awtoritajiet tal-infurzar jista' jitqies bħala prattika tajba.

Xi Stati Membri ddeċidew li jagħtu lill-korpi amministrattivi setgħat kriminali komparabbli ma' dawk tal-investigaturi tal-pulizija fir-rigward tal-kxif u l-investigazzjoni tal-kriminalità ambjentali. Dawn jistgħu jwettqu spezzjonijiet, jużaw il-forza, jidħlu f'bini u jieħdu kampjuni. Din is-soluzzjoni tippermetti livell għoli ta' speċjalizzazzjoni fl-unitajiet inkarigati mill-investigazzjoni, u b'hekk jiġu evitati lakuni fil-kooperazzjoni bejn l-aġenziji amministrattivi u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tiġi ssimplifikata t-trasmissjoni tal-informazzjoni fi ħdan is-servizzi investigattivi.

Fi Stati Membri oħra, l-ispetturi amministrattivi għandhom biss setgħat amministrattivi, u mhux setgħat ta' infurzar kriminali. Għalhekk, f'każijiet li jinvolvu l-kriminalità ambjentali, inkluż attivitajiet ta' kriminalità marbuta mal-iskart, ikollhom jiddependu fuq il-pulizija, il-pulizija tal-fruntieri jew id-dwana.

L-evalwazzjoni enfasizzat uħud mill-konsegwenzi fejn il-fatt li l-awtoritajiet ambjentali ma jingħatawx setgħat investigattivi jipprevjeni l-implimentazzjoni effettiva tal-investigazzjonijiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

L-ewwel nett, il-ħiliet professjonali u l-għarfien espert tal-persunal amministrattiv li jittratta l-ambjent mhumiex qed jintużaw bl-aħjar mod possibbli. Barra minn hekk, din is-sistema toħloq ir-riskju li jinkiser il-prinċipju ta' ne bis in idem fejn l-awtoritajiet ambjentali jinvestigaw ukoll delitti marbuta ma' dawn id-delitti (bħall-frodi u l-evazzjoni tat-taxxa) u l-pulizija jinvestigaw ukoll l-istess delitti.

Għalhekk, ġie rakkomandat, speċjalment fl-Istati Membri fejn l-atturi ewlenin huma l-awtoritajiet ambjentali, li l-ispetturi amministrattivi jingħataw setgħat (limitati) ta' investigazzjoni kriminali. Jekk tali soluzzjoni mhix possibbli f'ċerti Stati Membri, huwa rakkomandat li jiżguraw kooperazzjoni tajba fl-investigazzjonijiet bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi minn naħa u l-awtoritajiet amministrattivi min-naħa l-oħra.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-ispetturi ambjentali huma għalhekk assistiti mill-pulizija u d-dwana fl-attivitajiet tagħhom tal-infurzar, u għandhom rwol ta' appoġġ: il-pulizija billi jwaqqfu u jiċċekkjaw il-vetturi fit-triq u d-dgħajjes fuq ix-xmajjar, u l-awtoritajiet doganali billi jimmonitorjaw u jikkontrollaw il-vjeġġi ta' skart transfruntiera, b'mod partikolari billi jiċċekkjaw il-flussi ta' skart fil-punti tad-dħul/tal-ħruġ tal-qsim tal-fruntieri. Is-servizzi tal-pulizija tal-fruntieri u l-gwardja tal-kosta jista' jkollhom ukoll rwol f'dan il-qasam. F'xi Stati Membri, l-awtoritajiet imsemmijin hawn fuq iwettqu wkoll investigazzjonijiet f'dan il-qasam fuq inizjattiva tagħhom stess, inkluż investigazzjonijiet konġunti.

Fid-dawl tal-importanza tal-aġenziji amministrattivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, l-għadd ta' spetturi assenjati biex jittrattaw reati f'dan il-qasam u t-termini tal-impjieġ tagħhom għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw li ma jirriżenjawx wara taħriġ xieraq.

Madankollu, f'xi Stati Membri s-servizzi kompetenti tal-amministrazzjonijiet ambjentali bħalissa m'għandhomx biżżejjed persunal, u n-nuqqas ta' riżorsi umani globali adegwati jnaqqas il-kapaċità li jitwettqu attivitajiet ta' kontroll bl-aktar mod effettiv.

F'dawn il-każijiet, kien irrakkomandat mill-evalwaturi li jiġi assenjat aktar persunal għas-servizzi ta' ġestjoni u ta' spezzjoni sabiex jiżdiedu l-possibiltajiet ta' intervent, b'mod partikolari b'aktar spezzjonijiet, li min-naħa tagħhom jistgħu jwasslu għall-iżvilupp ta' miżuri proattivi fir-rigward tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- *L-Istati Membri għandhom iżommu u/jew, fejn xieraq, iżidu aktar il-livell ta' speċjalizzazzjoni u l-ħiliet tal-persunal tal-awtoritajiet amministrattivi tagħhom li jitrattaw reati ambjentali, inkluż reati marbuta mal-iskart, sabiex jiżguraw għarfien espert adegwat f'dan il-qasam kumpless u tekniku.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw li l-awtoritajiet ambjentali amministrattivi tagħhom ikollhom għadd adegwat ta' persunal biex b'mod effiċjenti u proattiv iwettaq attivitajiet ta' kontroll, b'mod partikolari b'għadd suffiċjenti ta' spezzjonijiet biex jimmonitorjaw il-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali u jikxfu reati relatati.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, il-possibbiltà li jagħtu lill-ispetturi ambjentali amministrattivi, setgħat (limitati) ta' investigazzjoni kriminali, sabiex isaħħu l-kapaċità tagħhom ta' kxif u investigazzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.*

IX - STRUTTURI

- KOOPERAZZJONI U KOORDINAZZJONI FIL-LIVELL NAZZJONALI

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Billi l-kriminalità ambjentali għandha natura trasversali li tinvolvi diversi awtoritajiet fuq livell nazzjonali, approċċ multidixxiplinari huwa kruċjali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra dan b'mod effiċjenti.

F'dan il-kuntest, koordinazzjoni u kooperazzjoni interistituzzjonali mill-qrib u effettivi bejn l-atturi pubbliċi differenti fil-livell operazzjonali u dak strateġiku, kif ukoll bejn l-awtoritajiet ċentrali u dawk lokali/reġjonali, sabiex jiġu kkoordinati inizjattivi u jissaħħu l-iskambju tad-data, l-appoġġ tekniku u t-tekniki investigattivi, huma għalhekk essenzjali biex is-sistema ambjentali nazzjonali u l-azzjoni ta' infurzar f'dan il-qasam jiffunzjonaw tajjeb.

Dan jista' jinkiseb aħjar billi jinħatar korp magħmul minn rappreżentanti ta' ministeri, aġenziji governattivi u partijiet ikkonċernati oħra inkarigati mill-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u l-ħarsien tal-ambjent. Għandhom jissejnhu laqgħat ta' koordinazzjoni fuq bażi regolari u tiġi inkluża l-parteeċipazzjoni ta' atturi mhux permanenti, inkluż in-negozji u l-NGOs, jekk ikun meħtieġ.

Madankollu, huma biss ftit Stati Membri li għandhom stabbiliti dawn il-korpi ċentrali jew gruppi ta' ħidma jew forom ta' kooperazzjoni interministerjali li jiżguraw il-koordinazzjoni. Minbarra dawn l-eċċezzjonijiet, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-ebda awtorità unika ma nħatret fil-livell ċentrali biex tmexxi l-infurzar u l-amministrazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali u ta' dawk marbuta mal-iskart, u r-responsabbiltà f'dan il-qasam ħafna drabi hi mifruxa fost diversi atturi.

F'dan il-kuntest, l-evalwazzjoni enfasizzat li filwaqt li huwa importanti li jkun hemm kemm jista' jkun aġenziji possibbli involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u dik marbuta mal-iskart, fejn ma jkun hemm ebda awtorità ċentrali ġenerali li tistabilixxi politika u prijoritajiet, il-kooperazzjoni tkun frammentata u għalhekk jista' jkun diffiċli li jiġi żgurat fokus koordinat u strutturat fuq din ir-responsabbiltà nazzjonali.

Konsegwentement, għet issottolinjata l-utilità li jiġi stabbilit korp ċentrali jew pjattaforma jew struttura permanenti fil-livell ċentrali għall-kooperazzjoni u għall-koordinazzjoni tal-ħidma tal-awtoritajiet rilevanti, inkluż il-prosekuturi pubbliċi u l-imħallfin, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-koerenza fost dawk kollha involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u ż-żieda fir-reżiljenza tas-sistema tal-infurzar ambjentali.

Skont is-sejbiet tal-evalwazzjonijiet, il-formoli, il-modalitajiet u l-livelli ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali jvarjaw bejn l-Istati Membri.

Attwalment, f'ħafna Stati Membri m'hemm l-ebda qafas legali għall-kooperazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet f'każijiet li jikkonċernaw il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, u l-kooperazzjoni interistituzzjonali ħafna drabi ssir fuq bażi ad hoc u informali, bl-użu ta' kuntatti personali, mingħajr ebda ftehim formali bejn id-diversi awtoritajiet.

Għalkemm normalment dan ma jidherx li joħloq xi problema fil-prattika, sistema li tiddependi minn relazzjonijiet interpersonali u l-kwalitajiet personali u r-rieda tajba tal-partijiet ikkonċernati mhijiex l-aħjar mod possibbli biex tiġi żgurata kooperazzjoni li tiffunzjona tajjeb, peress li tista' tirriżulta fraġli f'ċerti ċirkostanzi mhux mistennija; barra minn hekk, tista' tqajjem il-kwistjoni tat-trasmissjoni tal-għarfien espert, billi l-għarfien spiss jisparixxi meta jitlaq il-persunal u ma jkunx hemm proċedura ta' trasferiment għas-suċċessuri tagħhom.

Stati Membri oħrajn żviluppaw forom aktar avvanzati u effiċjenti ta' interazzjoni, li r-rapporti individwali identifkaw bħala Prattiki tajba. F'xi wħud minnhom ġew konklużi protokollu jew memoranda ta' qbil bejn l-awtoritajiet rilevanti kollha sabiex jiġu ċċarati r-rwoli/responsabbiltajiet ta' kull awtorità u tiġi ffaċilitata azzjoni koordinata fil-livell operazzjonali u strateġiku.

Netwerks formali stabbiliti fil-livell nazzjonali mar-rappreżentanti tas-servizzi kollha tal-infurzar tal-liġi, kif diġà jeżistu f'xi Stati Membri, jistgħu jitqiesu wkoll bħala pass tajjeb f'din id-direzzjoni.

Minħabba l-kumplessità tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, li tinvolvi diversi atturi, fil-kuntest tal-evalwazzjoni reċiproka ġie enfasizzat ripetutament li qafas interistituzzjonali formali u strutturat jikkontribwixxi għat-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn diversi aġenziji f'dan il-qasam; dan għandu jkopri wkoll l-implimentazzjoni ta' skambju ta' informazzjoni aktar sistematiku u l-istabbiliment ta' bażijiet ta' data kondiviżi.

Koordinazzjoni strutturata tal-isforzi tista' faċilment, u kważi bla spejjeż, toħloq sinerġiji biex issaħħaħ il-kapaċità tas-sistema nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

Ta' min ifakkar ukoll, b'partikolari fir-rigward ta' vjeggji ta' skart, li skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) 1013/2006, kif modifikat bir-Regolament (UE) 660/2014, bħala parti mill-implimentazzjoni ta' pjan ta' spezzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet involuti fl-ispezzjonijiet.

Huwa wkoll essenzjali li jkun hemm kooperazzjoni bla xkiel bejn l-entitajiet amministrattivi u l-ġudikatura, b'mod partikolari fir-rappurtar ta' reati ambjentali lill-prosekuturi, li jiddeċiedu jekk l-elementi tal-każ jissodisfawx il-kriterji għal prosekuzzjoni kriminali u biex tiġi imposta piena kriminali.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- *L-Istati Membri huma mħeġġa jistabilixxu qafas interistituzzjonali formali u strutturat għall-kooperazzjoni fil-livell strateġiku u dak operazzjonali fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha involuti fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, ibbażat fuq approċċ multidixxiplinari, possibbilment permezz ta' protokolli jew memoranda ta' qbil.*
- *L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-ħatra ta' korp/entità jew pjattaforma ċentrali fil-livell nazzjonali responsabbli għall-koordinazzjoni tal-isforzi tal-awtoritajiet kollha involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, bil-ħsieb li jiġu pprovduti sinerġiji, kif ukoll biex jiġu massimizzati l-kapaċitajiet ta' tħejija u ta' reazzjoni.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw skambju ta' informazzjoni sistematiku u l-istabbiliment ta' bażijiet ta' data kondiviżi b'data dwar il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, fost l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fil-ġlieda kontra attivitajiet kriminali bħal dawn.*

X - TAĦRIĠ

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Il-leġislazzjoni ambjentali tal-UE u dik nazzjonali hija ferm kumplessa, teknika u f'evoluzzjoni kostanti u għalhekk teħtieġ livell għoli ta' fehim mill-aġenziji amministrattivi, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuturi u wkoll mill-imħallfin.

Konsegwentement, hija sfida sinifikanti għall-atturi kollha involuti li jżommu l-għarfien espert tagħhom, jibqgħu konsistentement aġġornati dwar ir-rekwiżiti legali u proċedurali rigward l-implikazzjonijiet prattiċi li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dik il-leġislazzjoni (eż. l-interrogazzjoni fi stadji differenti tal-proċedura amministrattiva/kriminali; it-teħid ta' kampjuni b'mod ammissibbli għall-evidenza) u l-pekuljaritajiet li jirrigwardaw il-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.

Rigward il-klassifikazzjoni żbaljata ta' skart u/jew dikjarazzjonijiet żbaljati ta' merkanzija, huwa importanti wkoll li l-operaturi tal-immaniġġjar tal-iskart li jiġbru jew jittrasportaw l-iskart fuq bażi professjonali jkunu mħarrġa kif xieraq, peress li dawn huma l-ewwel linja ta' difiża fis-sistema tal-immaniġġjar tal-iskart.

F'xi wħud mir-rapporti ta' evalwazzjoni ġie indikat li huwa meħtieġ livell bażiku ta' taħriġ għall-awtoritajiet kompetenti għall-kontroll tal-vjeġġi tal-iskart biex jippermettilhom jidentifikaw b'mod aktar faċli vjeġġi illegali tal-iskart u, ladarba jinkixef vjeġġ suspettuż, biex iqabbluh mal-merkanzija ddikjarata fid-dokumentazzjoni. Għal dak il-għan, it-taħriġ speċjalizzat għal dawn l-atturi għandu jinkludi l-għbir, l-analiżi u l-valutazzjoni esperta tal-kampjuni.

Għalhekk, u minħabba r-rekwiżiti speċifiċi tal-kxif u l-investigazzjoni ta' kontravvenzjonijiet u delitti ambjentali, it-taħriġ intern bażiku, regolari u kontinwu għall-prattikanti msemmijin hawn fuq fil-livelli kollha, mill-bidu tal-karrieri tagħhom, huwa ta' importanza kruċjali. Dan jista' jikkontribwixxi biex jiżdedu l-ħiliet u l-għarfien tagħhom u biex jikber l-għarfien tagħhom dwar dawn it-tipi ta' attivitajiet kriminali għall-iskop ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni b'suċċess ta' dawn it-tipi ta' kriminalità.

F'ċerti Stati Membri, jiġu investiti sforzi, riżorsi u għadd ta' persunal sinifikanti biex jiġi pprovdut taħriġ speċjalizzat estensiv fil-qasam tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, għall-atturi rilevanti involuti fil-prevenzjoni ta' dawn l-attivitajiet kriminali u l-għieda kontribom, li għandhom livell għoli ta' għarfien espert tekniku u legali proporzjonat mal-isfidi li jirriżultaw minn dawn il-forom ta' kriminalità.

Fi Stati Membri oħra, hemm lok għal titjib, peress li t-taħriġ provdut lill-persunal ta' wħud mill-awtoritajiet kompetenti ġie vvalutat bħala mhux adegwat u mhux suffiċjenti, billi mhuwiex regolari u/jew mhuwiex offrut tul karriera kollha, jew meta jkun disponibbli mhuwiex obligatorju.

Barra minn hekk, l-Istati Membri ġeneralment ma jipprovdux l-istess livell ta' taħriġ għall-persunal kollu tal-awtoritajiet kompetenti kollha. B'mod ġenerali, it-taħriġ provdut lill-awtoritajiet ambjentali huwa aktar sodisfaċenti.

Fir-rigward tal-pulizija, it-taħriġ huwa ġeneralment biżżejjed, għalkemm b'eċċezzjonijiet f'xi Stati Membri, fejn hemm lok għal titjib. Tali taħriġ għandu jinkludi l-użu ta' sorsi ta' intelligence, analiżi ta' data, tekniki ta' kxif u ta' investigazzjoni biex tinkiseb evidenza adegwata f'każijiet ambjentali speċifiċi, b'mod partikolari fi Stati Membri fejn is-setgħat investigattivi jiġu assenjati biss lill-pulizija.

L-utilità tat-titjib fit-taħriġ ta' uffiċjali tal-pulizija, fejn xieraq, permezz ta' programmi ta' "taħriġ għal min iħarreġ" u permezz tal-propagazzjoni tal-għarfien tal-leġislazzjoni dwar l-ambjent ġiet ukoll enfasizzata bħala benefiċċju potenzjali.

Fir-rigward tad-dwana, fil-każ ta' għadd ta' Stati Membri, it-taħriġ f'dan il-qasam jitqies bħala mhux suffiċjenti, peress li l-kwistjonijiet ambjentali għadhom ma ġewx inklużi, jew ma ġewx inklużi biżżejjed, fit-taħriġ speċifiku fuq bażi regolari. Għal dawn l-awtoritajiet it-taħriġ għandu jkopri, b'mod partikolari, il-klassifikazzjoni tal-iskart u d-differenzjazzjoni bejn l-iskart u l-prodotti sekondarji.

Is-sitwazzjoni ġeneralment mhijiex sodisfaċenti għall-ġudikatura, peress li l-prosekuturi u speċjalment l-imħallfin ma jirċievu l-ebda taħriġ speċjalizzat f'dan il-qasam, jew it-taħriġ li jirċievu mhuiwix suffiċjenti. Fi ftit Stati Membri biss, xi kultant jipparteċipaw f'attivitajiet ta' taħriġ organizzati barra mill-pajjiż minn korpi tal-UE jew minn pajjiżi oħra.

F'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni enfasizzat li l-prosekuturi u l-imħallfin, tal-inqas dawk li jittrattaw każijiet li jinvolvu l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, iridu jkunu mħarrġin tajjeb biex jimmaniġġjaw kwistjonijiet legali partikolarment kumplessi fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, bil-ħsieb li jiddeċiedu jekk, rispettivament, iressqux jew jaġġudikawx każ (b'mod partikolari billi jiddefinixxu l-gravità tal-ħsara ambjentali); għalhekk jenħtieġ taħriġ speċjalizzat għalihom.

Fi Stat Membru wieħed, it-taħriġ konġunt għall-prosekuturi pubbliċi u l-pulizija u t-taħriġ speċjalizzat ipprovdut mill-prosekuturi lill-pulizija u lill-uffiċjali tad-dwana, tqiesu bħala eżempji tal-aħjar prattika.

F'xi Stati Membri, ir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni u t-twettiq ta' attivitajiet ta' taħriġ bħal dawn, mhux biss għall-uffiċjali li jaħdmu fl-istituzzjoni li tipprovidi t-taħriġ, iżda wkoll għall-persunal ta' istituzzjonijiet oħra, tiġi assenjata lil korp uniku, ħafna drabi lill-amministrazzjonijiet ambjentali, li jipprovdu taħriġ lill-uffiċjali tal-pulizija, id-dwana u l-pulizija tal-fruntieri, filwaqt li fi ftit każijiet dan il-kompitu jitwettaq mill-pulizija. Fi Stati Membri oħra, kull awtorità twettaq taħriġ fl-isfera tal-kompetenza tagħha stess għall-persunal tagħha.

Fi Stat Membru wieħed, it-taħriġ huwa pprovdut ukoll fil-forma ta' sessjonijiet ta' taġlim mill-bogħod (taġlim elettroniku), li jistgħu jitqiesu bħala Prattika tajba u metodu ta' taħriġ effettiv b'aspetti ekonomiċi pożittivi meta titqies l-ispiża relattivament baxxa tal-ġhodod tal-IT.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, ġie enfasizzat li korsijiet ta' taħriġ konġunt regolari li jinvolvu l-imħallfin, il-prosekuturi, il-pulizija u l-unitajiet amministrattivi għall-kondiviżjoni ta' esperjenzi huma estremament utli, peress li dawn jippermettu mhux biss skambji ta' esperjenzi, iżda wkoll opportunità biex l-attenzjoni tiġi ffokata fuq problemi u soluzzjonijiet possibbli minn perspettivi differenti.

Minbarra t-taħriġ ipprovdut fil-livell nazzjonali, korpi rilevanti tal-UE, bħas-CEPOL, u netwerks tal-UE, bħall-EnviCrimeNet, in-Netwerk Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent (ENPE) u l-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent (EUFJE), jipprovdu jew jikkontribwixxu wkoll għal taħriġ speċjalizzat fil-qasam tal-kriminalità ambjentali; madankollu, ġeneralment l-Istati Membri ma jagħmlux użu mill-potenzjal sħiħ ta' din l-għażla.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- *B'kont meħud tan-natura kumplessa u multidimensjonali tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, qed jiġi rakkomandat li l-Istati Membri jżommu jew itejbu taħriġ fil-fond regolari u kontinwu f'dan il-qasam għall-prattikanti kollha involuti fil-ġlieda kontra dawn il-forom ta' kriminalità, inkluż il-prosekuturi u l-imħallfin.*
- *L-Istati Membri għandhom iqisu li jesploraw il-possibbiltà li jipprovdu jew jistabbilixxu ppjanar interistituzzjonali ta' taħriġ, bil-ħsieb li jipprovdu taħriġ konġunt, li jgħaqqad flimkien il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali u l-iffaċilitar ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u s-servizzi tal-prosekuzzjoni.*
- *L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-opportunitajiet ta' taħriġ disponibbli fil-livell tal-UE bħas-CEPOL u n-netwerks rilevanti, kif ukoll fil-livell internazzjonali, billi jiżguraw il-parteċipazzjoni regolari f'dawk l-attivitajiet ta' taħriġ mill-partijiet ikkonċernati rilevanti involuti fl-indirizzar tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.*
- *L-Istati Membri għandhom iqisu l-possibbiltà li jużaw metodi ta' taħlim elettroniku f'taħriġ ambjentali għall-entitajiet kollha involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.*

XI - ASPETTI LEGALI

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

L-Istati Membri kollha għandhom leġislazzjoni speċifika biex jipprevjenu u jindirizzaw b'mod effettiv il-kriminalità ambjentali. Madankollu, il-preċiżjoni tad-definizzjonijiet legali, il-livelli ta' pjeni u l-firxa tal-għodod investigattivi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri.

L-Istati Membri kollha ttrasponew id-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, u l-biċċa l-kbira tagħhom stabbilixxew oqfsa legali adegwati għas-salvagwardja tal-ambjent. Xi Stati Membri ssodisfaw biss l-istandards minimi tad-Direttiva msemmija hawn fuq, filwaqt li oħrajn implimentaw regolamentazzjoni aktar dettaljata u eżawrjenti. Fi ftit Stati Membri, il-protezzjoni ambjentali hija mnaqqxa fil-kostituzzjoni.

Fi kważi l-Istati Membri kollha ma hemmx test legali uniku li jkopri r-reati ambjentali kollha. Dawn normalment jinsabu fil-Kodiċi Kriminali u/jew fatti leġislattivi ambjentali speċjali oħra. Il-frammentazzjoni tal-qafas legali f'diversi biċċiet ta' leġislazzjoni li jirregolaw it-tipi varji kollha ta' atti li jistgħu jikkawżaw ħsara għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, tista' tagħti lok għal kumplessità u duplikazzjoni potenzjali. Għalhekk, l-Istati Membri ġew imħeġġa biex jikkunsidraw jirrevedu l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom f'dan il-qasam u jgħaqqduha f'test legali uniku.

Id-definizzjonijiet legali ta' reati ambjentali u l-kriterji għal valutazzjoni tal-gravità ta' delitti relatati jvarjaw bejn l-Istati Membri u normalment huma bbażati fuq kunċetti bħall-periklu li joħlqu jew il-ħsara li jikkawżaw għall-ħajja jew għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent.

Madankollu, f'ħafna Stati Membri ma hemm l-ebda kriterju predefinit ċar għall-valutazzjoni tal-iskala tal-ħsara ambjentali u ħafna drabi hemm ftit każistika dwar kif il-qrati jiddefinixxu dawn it-termini. Aktar ta' spiss, fil-prattika, il-ħsara ambjentali, ir-riskju tal-ħsara u l-firxa tal-ħsara, flimkien ma' fatturi rilevanti oħra, jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ mill-awtoritajiet ġudizzjarji.

L-evalwazzjoni enfasizzat f'dan ir-rigward li l-perċezzjonijiet differenti tal-gravità tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, jistgħu jaffettwaw l-effettività tal-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati dawn il-forom ta' kriminalità, u li għalhekk huwa importanti li l-awtoritajiet nazzjonali kollha jieħdu approċċ simili u japplikaw l-istess proċeduri għal delitti serji f'dan il-qasam, inkluż b'segwitu ġudizzjarju kif meħtieġ.

Ċerti kunċetti, bħal "ħsara sostanzjali" kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/99/UE, ħsara ambjentali, vetturi li ma għadhomx jintużaw, eċċ. huma vagi wisq u mhumiex ċari biżżejjed; f'ħafna każijiet il-kriterji, il-linji gwida jew l-istruzzjonijiet biex jiġu ddefiniti huma nieqsa jew insuffiċjenti.

Problema frekwenti oħra identifikata fl-evalwazzjonijiet kienet in-nuqqas ta' distinzjoni ċara bejn delitti u kontravvenzjonijiet u/jew ir-reġim ta' pjeni amministrattivi jew kriminali, fin-nuqqas ta' kriterji ċari biex jiġi determinat liema reġim għandu japplika. Barra minn hekk, f'xi każijiet il-liġi ma tidhirx li tistipula b'mod ċar u mhux ambigwu meta reati minuri jridu jiġu rrapportati lill-pulizija jew lill-prosekutur. Bħala konsegwenza, l-awtorità tal-prosekuzzjoni tista' ma tinvestigax il-każ, u tħalli f'idejn l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti biex jieħdu azzjoni xierqa.

Għaldaqstant, ir-rakkomandazzjonijiet ġew indirizzati lill-Istati Membri kkonċernati, bil-ħsieb li tinkiseb aktar ċarezza u uniformità fid-determinazzjoni tal-leġislazzjoni u r-reġim ta' pieni applikabbli u biex issir distinzjoni fuq il-bażi ta' kriterji preċiżi predefiniti bejn reati kriminali u kontravvenzjonijiet amministrattivi. Dan għandu jippermetti li kull reat ambjentali jiġi indirizzat bl-aktar mod xieraq u li jiġi żgurat li jkun hemm segwitu ġudizzjarju meta ksur tal-liġi ambjentali jirriżulta f'responsabbiltà kriminali.

F'xi Stati Membri, il-miżuri tal-liġi kriminali huma l-aħħar rimedju u l-kwistjonijiet ambjentali jiġu ttrattati kważi kompletament minn entitajiet amministrattivi. L-argumenti pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali f'dan ir-rigward huma marbuta mal-elementi kostituttivi tad-delitt u l-istandards tal-evidenza li jeħtieġ li jiġu ssodisfati, jew mal-kunsiderazzjoni li l-infurzar amministrattiv jitqies bħala inqas problematiku u aktar effettiv minn segwitu ġudizzjarju, meta jitqies li prosekuzzjoni kriminali ta' spiss tiegħu ħafna ħin u tkun diffiċli mil-lat proċedurali. L-evalwazzjoni inkludiet rakkomandazzjonijiet lil dawk l-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi vvalutat mill-ġdid il-bilanċ bejn l-approċċ amministrattiv u dak kriminali għall-kriminalità ambjentali.

Minbarra r-regoli fil-leġislazzjoni, ftehimiet formali jew protokolli bejn l-awtoritajiet kompetenti li jittrattaw reati ambjentali, jew linji gwida indirizzati lilhom, li jiċċaraw il-kriterji għad-determinazzjoni ta' meta tali reati jridu jiġu segwiti b'mod amministrattiv u meta b'mod ġudizzjarju, jistgħu jkunu utli sabiex jiġu implimentati kriterji standardizzati u jiġu evitati miżinterpretazzjonijiet.

Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikolu 3. F'dawn il-każijiet, xi Stati Membri pprevedew ir-responsabbiltà penali tal-persuni ġuridiċi, u oħrajn ir-responsabbiltà amministrattiva.

Il-livell tal-pieni applikabbli għal delitti ambjentali, inkluż dawk marbuta mal-iskart, iwarja bejn l-Istati Membri u normalment huwa mifrux bejn massimu u minimu; f'xi Stati Membri tqies baxx wisq u mhux biżżejjed biex il-liġi kriminali tkun tista' taqdi r-rwol tagħha ta' kastig u deterrent.

Xi rapporti indikaw li l-multi għal persuni ġuridiċi mhumiex użati biżżejjed, u/jew huma baxxi wisq meta mqabbla mal-profitt potenzjali li jista' joħroġ minn delitti ambjentali, inkluż dawk marbuta mal-iskart. Diversi rapporti indikaw li l-ammonti tagħhom jistgħu jiġu riveduti. Għalhekk, ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kkonċernati, bil-ħsieb li jsir aktar użu ta' multi korporattivi għal reati ambjentali u jiżiedu l-livelli ta' dawn il-multi.

F'xi Stati Membri l-użu ta' tekniki investigattivi speċjali (bħall-osservazzjoni, l-infiltrazzjoni, it-tappjar telefoniku, eċċ.) għall-investigazzjoni ta' delitti ambjentali, inkluż dawk marbuta mal-iskart, mhuwiex previst. Dawk l-Istati Membri jistgħu jużaw ir-reati ekonomiċi u finanzjarji, li ġeneralment huma marbuta ma' delitti ambjentali, peress li l-awturi jippruvaw jimmassimizzaw il-profitti tagħhom, biex jippermettu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jużaw tali tekniki.

Madankollu, din is-soluzzjoni mhijiex dejjem applikabbli, u għalhekk l-evalwazzjoni enfasizzat li tekniki investigattivi speċjali huma essenzjali biex il-kriminalità ambjentali tiġi miġġielda b'mod effettiv u rakkomandat lill-Istati Membri kkonċernati biex fil-leġislazzjoni tagħhom jipprevedu l-possibbiltà li jużawhom fl-investigazzjoni ta' dawn il-forom ta' kriminalità.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- *L-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw li jirrevedu l-leġislazzjoni nazzjonali relatata mal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, li jekk ikun possibbli tista' tinġabar f'test legali uniku, sabiex jiġi ffaċilitat il-fehim u l-applikazzjoni sħiħa tagħha mill-awtoritajiet kompetenti.*
- *Qed jiġi rakkomandat lill-Istati Membri li jiżguraw li d-distinzjoni bejn is-sistemi ta' pjeni amministrattivi u dawk kriminali fil-qasam ambjentali tkun definita b'mod ċar, billi jiġu adottati u jsiru disponibbli għall-atturi rilevanti kollha kriterji speċifiċi u uniformi għal tali differenzjar.*
- *Qed jiġi rakkomandat lill-Istati Membri li jistabbilixxu linji gwida biex jiżguraw li kunċetti problematiċi, bħal "ħsara sostanzjali" u "ħsara ambjentali", ikunu definiti b'mod adegwat, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti f'dan il-qasam.*
- *Qed jiġi rakkomandat lill-Istati Membri li jiżguraw li l-livelli tal-pieni, u b'mod partikolari tal-multi korporattivi, applikabbli għall-kriminalità ambjentali, inkluż delitti marbuta mal-iskart, ikunu adegwati u li jiżguraw li multi bħal dawn ikunu tassew imposti f'kull każ meta jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti.*
- *Qed jiġi rakkomandat lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom tippermetti l-użu ta' għodod investigattivi speċjali għall-investigazzjoni ta' delitti ambjentali, inkluż dawk marbuta mal-iskart, sa fejn dan ikun proporzjonat b'rabta marreat ikkonċernat, sabiex dawn il-fenomeni kriminali jiġu miġġielda b'mod effettiv.*

XII - KWISTJONIJIET PROĊEDURALI

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Fl-Istati Membri kollha hemm rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti fir-rigward tal-kumpilazzjoni ta' evidenza, biex ikun żgurat li din tkun valida u ammissibbli fil-qrati jew fi proċedimenti amministrattivi marbuta mal-kriminalità ambjentali. F'xi Stati Membri l-awtoritajiet kompetenti indikaw li ma kienu konxji ta' ebda diffikultà speċifika rigward il-ġbir jew l-ammissibbiltà ta' evidenza f'dan il-qasam u li l-ostakli li nqalgħu ma varjawx minn dawk li rriżultaw f'tipi oħra ta' każijiet kriminali.

Madankollu, Stati Membri oħra enfasizzaw xi problemi f'dan ir-rigward. Waħda mid-diffikultajiet l-aktar komuni tikkonċerna n-nuqqas ta' konformità mal-garanziji proċedurali fil-fażi tat-teħid ta' kampjuni u l-analiżi tagħhom, li tista' taffettwa l-proċedimenti minħabba l-fatt li ma jkunux jistgħu jintużaw bħala evidenza. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-evidenza miġbura mill-awtoritajiet amministrattivi, li għalhekk mhux dejjem tista' tintuża fi proċedimenti ġudizzjarji, peress li dawk l-awtoritajiet mhumiex soġġetti għar-regoli proċedurali kriminali stretti.

L-awtoritajiet ta' xi Stati Membri rrapportaw xi diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-ħsara kkawżata minn delitt ambjentali, speċjalment f'każijiet ta' kriminalità marbuta mal-iskart - b'mod partikolari r-riskji ta' ħsara, l-identifikazzjoni tagħha, il-firxa reali tagħha - minħabba l-fatt li l-ħsara spiss ma tkunx viżibbli jew tista' titkejjel faċilment: Dawn id-diffikultajiet jistgħu jaffettwaw il-klassifikazzjoni xierqa tar-reat, il-valutazzjoni taċ-ċirkostanzi aggravanti u konsegwentement tal-valur tal-piena (ara wkoll il-Kapitolu XI).

Id-diffikultajiet speċifiċi marbuta mal-evidenza ta' delitti marbuta mal-iskart huma ttrattati fil-kapitolu XV.

Diffikultajiet oħra li nstabu fir-rigward tal-evidenza fil-qorti u fi proċedimenti amministrattivi, li jagħmlu l-investigazzjonijiet aktar ikkumplikati, ġew enfasizzati fil-kuntest tal-evalwazzjoni, bħal pereżempju: identifikazzjoni tal-awtur, prova tal-elementi psikoloġiċi (negliġenza jew intenzjoni) b'rabta mal-persuna jew l-entità akkużata u għar-reati mwettqa minn din tal-aħħar, il-kxif tal-persuna/i responsabbli, dokumentazzjoni u valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ambjentali fil-ħin ta' spezzjoni b'tali mod li tkun ammissibbli fil-qorti, u l-użu ta' dokumenti ffalsifikati.

F'xi Stati Membri fejn l-għadd ta' każijiet ippreżentati quddiem il-qrati huwa żgħir ħafna, jista' jkun hemm diffikultajiet fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-evidenza minħabba li l-prattikanti ma jkollhomx biżżejjed għarfien u esperjenza legali f'dan il-qasam.

Fl-Istati Membri kollha, jistgħu jiġu imposti miżuri oħra minbarra pjeni kriminali u multi amministrattivi għal reati ambjentali, inkluż reati marbuta mal-iskart, mill-korpi amministrattivi ta' infurzar (azzjoni ta' infurzar mhux ġudizzjarja).

Dawn jinkludu miżuri amministrattivi koerċittivi għall-prevenzjoni u l-waqfien ta' reati amministrattivi, kif ukoll tal-konsegwenzi dannużi ta' tali reati. Dawn il-miżuri jinkludu (b'xi varjazzjoni bejn l-Istati Membri): il-konfiska jew il-qbid, il-ħlas ta' ammont ta' flus daqs l-ammont mistogħni, l-egħluq temporanju jew permanenti tal-kumpannija, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' liċenzji u permessi oħra, l-istabbiliment ta' rekwiżiti, kondizzjonijiet u struzzjonijiet, l-iskwalifika mid-drittijiet tal-kumpannija u / jew iċ-ċaħda tal-benefiċċji, u miżuri li jimmiraw għal azzjoni immedjata ta' rimedju għall-effetti negattivi fuq l-ambjent.

F'xi Stati Membri, huma previsti wkoll miżuri ta' sigurtà li ma jikkastigawx lit-trasgressuri, iżda li huma maħsuba biex ma jħalluhomx iwettqu reat mill-ġdid, billi jitneħħew iċ-ċirkostanzi li jiffaċilitaw jew jippromwovu t-twettiq ulterjuri ta' reati kriminali.

Fi proċedimenti kriminali, miżuri oħra għajr pieni kriminali li jistgħu jiġu imposti huma l-konfiska tal-mezzi użati biex jitwettaq ir-reat (mezzi strumentali) u l-konfiska tar-rikavati mir-reat jew miksuba bit-twettiq tar-reat (assi kriminali), inkluż il-benefiċċji ekonomiċi miksuba bit-twettiq tar-reat. F'każijiet ta' trasmissjoni u eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska bejn Stati Membri, tapplika d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bi ftit eċċezzjonijiet, mhuwiex possibbli li l-profitti kkonfiskati jiġu allokati direttament lill-aġenziji ambjentali u/jew għall-baġits tal-pulizija jew f'fond għal kumpens għall-vittmi ta' reati ambjentali, li skont il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni jista' jkun utli.

Il-pieni kriminali għajr il-ħabs u l-multi jistgħu jinkludu wkoll: il-projbizzjoni ta' drittijiet speċjali, iċ-ċaħda ta' drittijiet pubbliċi, l-esklużjoni minn karigi pubbliċi, minn professjoni, jew minn pożizzjoni manigġerjali f'intrapriżi, il-kumpens għall-ħsara kkawżata mir-reat kriminali, il-pubblikazzjoni tas-sentenza u r-restawrazzjoni tal-ambjent.

Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, skont il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" stabbilit fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u rregolat mid-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-responsabbiltà ambjentali u mid-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, ir-responsabbiltà għar-restawrazzjoni tal-ambjent u t-tiswija tal-ħsara ambjentali li tkun saret hija primarjament tat-trasgressuri għall-ispejjeż tagħhom.

Dan il-prinċipju huwa appoġġat permezz tal-prinċipju tar-responsabbiltà estiża tal-produttur. Abbażi ta' dan, f'każ li ma tkunx saret ir-restawrazzjoni, jew ma tkunx saret b'mod suffiċjenti, sal-iskadenza indikata, il-korpi tal-infurzar tal-Istati Membri kollha jistgħu jimponu miżuri amministrattivi ta' infurzar li jkollhom l-għan li jġiegħlu lill-persuni ġuridiċi u fiżiċi responsabbli jirrimedjaw għall-ħsara ambjentali kkawżata (sa fejn dan l-effett riversibbli jkun oġġettivament possibbli) u jħallsu l-ispejjeż kollha mġarrba.

F'xi Stati Membri l-liġi tippredvi l-possibbiltà li tiġi sospiża l-piena bil-kondizzjoni li jingħata kumpens għall-ħsara u li tittieħed azzjoni biex is-sit ikkonċernat isir sikur, jitnaddaf u ssir restawrazzjoni.

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom ir-responsabbiltà aħħarija għar-restawrazzjoni tal-ambjent, iżda ġeneralment jintervjenu bħala l-aħħar għażla jekk konvenut li jkun instab ħati ta' reat kriminali b'verdett validu, jirrifjuta li jwettaq ir-restawrazzjoni jew ma jkunx ġie identifikat jew ma jkollux il-kapaċità finanzjarja li jagħmel dan. Fi ftit każijiet, l-Istat juża fondi speċjali għal dan l-għan.

Fi Stat Membru wieħed, Reġistru ta' Responsabbiltà Ambjentali li jkun fih rekords tal-persuni u l-kumpanniji li jinstabu ħatja li wettqu delitti ambjentali serji u/jew li jkunu wettqu ksur serju tar-regolamenti ambjentali għie kkunsidrat bħala mod effettiv biex jiġi evitat il-ksur tal-liġi ambjentali u għalhekk eżempju ta' Prattika tajba.

Skont il-leġislazzjoni nazzjonali, madwar l-UE, l-NGOs għandhom rwoli differenti fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' kriminalità ambjentali/marbuta mal-iskart u l-livelli tal-involviment attiv tagħhom iwarjaw skont l-Istat Membru.

Fl-Istati Membri kollha, l-NGOs, bħal kull persuna fiżika jew ġuridika oħra, jistgħu jappoġġaw jew iressqu lmenti dwar imġiba ta' ħsara għall-ambjent u jirrappurtaw ksur suspettat ta' leġiżlazzjoni ambjentali lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. F'xi Stati Membri mhux biss għandhom id-dritt iżda wkoll id-dmir li jirrappurtaw reat kriminali.

Għall-kuntrarju, il-leġittimità proċedurali tal-NGOs tvarja skont is-sistemi legali tal-Istati Membri; għalkemm fin-nuqqas ta' obbligu li jiġi previst dan fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, f'għadd sinifikanti ta' Stati Membri l-NGOs jistgħu jaġixxu wkoll bħala "*parte civile*" fi proċedimenti kriminali marbuta mal-kriminalità ambjentali, inkluż każijiet ta' kriminalità marbuta mal-iskart, u jressqu pretensjonijiet skont id-dritt ċivili biex jiksbu kumpens għal ħsara ambjentali. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet din il-possibbiltà hija soġġetta għal ċerti kondizzjonijiet, bħall-interess fil-kawża u/jew li tkun parti leża b'rabta ma' reati kriminali ambjentali. Fi Stati Membri oħra l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tippermettix lill-NGOs li jressqu azzjoni ċivili fi proċedimenti kriminali, billi dak id-dritt huwa limitat għall-vittmi tad-delitt.

Madankollu, fil-biċċa l-kbira ta' dawn l-Istati Membri, l-NGOs jistgħu jipparteċipaw, fi gradi li jvarjaw, fi proċedimenti kriminali. Dan jista' jinkludi l-għoti ta' data/informazzjoni dwar id-delitti allegati u/jew il-preżentazzjoni ta' evidenza lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-uffiċċji tal-prosekutur, il-parteċipazzjoni f'seduti ta' smiġħ permezz tar-rappreżentanti tagħhom u l-involviment bħala xhieda jew esperti. Fi ftit Stati Membri dawn il-possibiltajiet mhumiex previsti mil-leġislazzjoni, u l-NGOs ma jista' jkollhom ebda rwol speċjali fi proċedimenti kriminali.

Fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet reċiproċi, saret ripetutament enfasi, b'referenza għall-Konvenzjoni ta' Aarhus, għar-rwol sinifikanti li jistgħu jaqdu l-NGOs, peress li ħafna drabi jkollhom għarfien speċjalizzat utli fi kwistjonijiet ambjentali, u għall-importanza li tingħatalhom l-opzjoni li jieħdu azzjoni legali.

RAKKOMANDEZZJONIJIET

- *Qed jiġi rakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw li l-prosekuturi u l-imħallfin ikollhom biżżejjed għarfien biex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-evidenza, inkluż dik ta' kampjuni f'każijiet ta' kriminalità ambjentali, u għal dak il-għan jipprovduhom taħriġ speċjalizzat adegwat.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw il-possibbiltà li jagħmlu użu mir-rikavati tal-kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart, biex tiġi ffinanzjata l-ġlieda kontra tali attivitajiet kriminali.*
- *Qed jiġi rakkomandat li l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet għall-NGOs attivi fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali biex jipparteċipaw fi proċedimenti ġudizzjarji, sabiex jagħmlu l-aħjar użu mill-għarfien espert tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.*
- *Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu regjistru tar-responsabbiltà ambjentali biex tiġi promossa l-konformità mal-liġi ambjentali u jiġi evitat il-ksur tagħha.*

XIII - KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Il-kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart, ħafna drabi jkollha dimensjoni transfruntiera u għalhekk il-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali biex jiġu indirizzati dawn il-fenomeni kriminali b'mod effettiv. Madankollu, il-livell ta' familjarità tal-Istati Membri mal-ħidma f'kuntast internazzjonali u l-involvement reali tagħhom f'tali kooperazzjoni jvarja bejniethom.

Il-Europol, il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE), bl-għarfien espert u l-faċilitajiet tagħhom, jaqdu rwoli essenzjali biex iżidu l-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet investigattivi u ġudizzjarji tal-Istati Membri u fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni internazzjonali ma' Stati terzi.

Huma jwettqu firxa wiesgħa ta' attivitajiet, li jinkludu l-produzzjoni ta' analiżi tax-xejriet tal-kriminalità ambjentali, il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet internazzjonali, l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni, l-intelligence kriminali, l-evidenza u l-kontribut għal taħriġ mifrux mal-UE kollha. Fil-qafas ta' ċiklu ta' politika tal-UE 2018–2021, prijorità speċifika tal-proġett tal-EMPACT tiffoka fuq il-"għieda kontra l-kriminalità ambjentali".

L-appoġġ u l-koordinazzjoni pprovduti mill-Europol, il-Eurojust u n-NĠE huma ġeneralment apprezzati mill-Istati Membri, għalkemm xi wħud minnhom issottolinjaw il-ħtieġa li jiżdiedu r-riżorsi tagħhom sabiex ikun jista' jkollhom rwol saħansitra aktar attiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali. Il-kooperazzjoni ma' dawn il-korpi tal-UE hija ġeneralment sodisfaċenti u l-kanali ta' komunikazzjoni tal-Europol u l-Interpol u l-bażijiet ta' data tagħhom, inkluż il-pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni SIENA tal-Europol, jintużaw ta' spiss mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri għall-iskambju transfruntier ta' informazzjoni.

Madankollu, f'ċerti każijiet dik il-kooperazzjoni tista' tissaħħaħ, peress li s-servizzi u l-prodotti li l-Eurojust, il-Europol u n-NĠE jistgħu jipprovdu fir-rigward tal-kriminalità ambjentali mhumiex dejjem magħrufa għalkollox u użati b'mod sħiħ mill-prattikanti rilevanti kollha ta' ċerti Stati Membri. F'rapport ta' pajjiż wieħed ġie ssottolinjat li l-kooperazzjoni ppjanata u integrata mill-forzi operazzjonali mal-Europol u l-Interpol, prinċipalment fl-identifikazzjoni ta' punti ta' kuntatt fil-pajjiżi ta' destinazzjoni tal-iskart, u b'mod partikolari dawk barra mill-UE, ittejjeb il-kooperazzjoni fil-livell operazzjonali.

Fil-kuntest tal-UE, ġiet stabbilita firxa wiesgħa ta' netwerks rilevanti għall-entitajiet kollha involuti fil-qasam ambjentali:

- in-Netwerk tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali (IMPEL), li jiġbor flimkien l-awtoritajiet ambjentali, jorganizza konferenzi u jwettaq proġetti fil-qasam ambjentali biex ittejjeb u jinforza l-liġi ambjentali tal-UE;
- IMPEL-TFS (vjeġġi transfruntiera ta' skart), li jittratta l-problemi marbuta mal-vjeġġi illegali ta' skart;
- in-netwerk informali kontra l-kriminalità ambjentali (EnviCrimeNet), li jgħaqqad l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-kriminalità ambjentali biex jaqsmu l-għarfien u l-aħjar prattiki;

- in-Netzwerk Ewropew tal-Prosekuturi għall-Ambjent (ENPE), li jinvolvi prosekuturi li jaħdmu fil-qasam ambjentali u li għandu gruppi ta' ħidma ddedikati għall-"kriminalità marbuta mal-iskart" jew għas-"sanzjonijiet, il-prosekuzzjoni u l-prattika għodidzjarja f'dan il-qasam";
- il-Forum tal-Unjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Ambjent (EUFJE), li jippermetti lill-imħallfin jiskambjaw esperjenzi, u b'hekk jikkontribwixxu għal għarfien aħjar u għal infurzar aktar effettiv tal-liġi ambjentali.

Il-livell ta' parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' dawn in-netwerks ivarja skont l-Istat Membru. Il-maġġoranza ta' għandhom huma membri u jipparteċipaw fl-IMPEL u fl-EnvCrimeNet, għalkemm filwaqt li xi wħud huma involuti b'mod aktar attiv, għal oħrajn tali parteċipazzjoni mhijiex regolari u/jew ma tikkonċernax l-attivitajiet rilevanti kollha f'dawn il-fora.

Fir-rigward tan-netwerks għodidzjarji msemmija hawn fuq, il-livell ta' involviment huwa ġeneralment aktar baxx u f'għadd ta' Stati Membri bħalissa l-ebda mħallef ma jipparteċipa fl-attivitajiet tal-Forum tal-UE tal-Imħallfin għall-Ambjent (EUFJE) u l-ebda prosekutur ma jipparteċipa fl-ENPE.

B'mod partikolari, l-evalwazzjoni enfasizzat li l-imħallfin li jittrattaw każijiet ta' kriminalità ambjentali, li għandhom bżonn jiddeterminaw il-livell ta' ħsara ambjentali biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà kriminali, huma mħeġġa biex isiru aktar involuti f'attivitajiet iffukati fuq il-kriminalità ambjentali fil-livell tal-UE.

B'mod aktar ġenerali, il-partiċipazzjoni sħiħa fin-netwerks kollha msemmija hawn fuq ġiet rakkomandata fil-kuntest tal-evalwazzjoni, peress li tippermetti l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, tal-modi operandi, tal-intelligence transfruntiera, kif ukoll il-kuntatti faċli u diretti ma' sħab barranin fil-qasam tal-kriminalità ambjentali.

Barra minn hekk, f'investigazzjonijiet transfruntieri, il-parteċipazzjoni f'investigazzjonijiet ikkoordinati fuq livell internazzjonali tista' tkun ta' benefiċċju fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tal-kriminalità ambjentali.

Fil-qafas tal-UE, l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK) huma għodda ta' kooperazzjoni internazzjonali utli f'każijiet ta' kriminalità transnazzjonali, ibbażati fuq ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri jew aktar - kemm għidizzjarji kif ukoll tal-infurzar tal-liġi - biex iwettqu investigazzjonijiet kriminali b'mod konġunt. Barra minn hekk, il-Europol u il-Eurojust jistgħu jiffaċilitaw u jiffinanzjaw l-istabbiliment u l-funzjonament tas-SIK.

Il-parteċipazzjoni fis-SIK hija ġeneralment indikata bħala esperjenza pożittiva mill-Istati Membri parteċipanti, li jqisuhom bħala strumenti effettivi biex isiru investigazzjonijiet transfruntiera, li jagħmel possibbli l-iskambju dirett ta' informazzjoni bejn l-investigaturi u l-għbir trasversali fil-ħin ta' evidenza mingħajr il-ħtieġa li jitressqu talbiet formali separati għall-assistenza legali reċiproka jew għal Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea. Madankollu, fiż-żmien tal-evalwazzjoni, kienu biss ftit Stati Membri li kienu pparteċipaw fi SIK rigward każijiet ta' kriminalità ambjentali, inkluż il-kriminalità marbuta mal-iskart.

L-importanza tal-kooperazzjoni transfruntiera u tal-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi oħra, speċjalment il-pajjiżi ġirien, bil-ħsieb li jiġu kkoordinati l-isforzi fil-għieda kontra każijiet ta' kriminalità ambjentali transnazzjonali, għet issottolinjata ripetutament fil-kuntest tal-evalwazzjoni.

L-iżvilupp ta' relazzjonijiet ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE direttament ikkonċernati bħala pajjiżi ta' destinazzjoni jew ta' oriġini tal-iskart, kif ipprattikat minn xi Stati Membri, huwa wkoll essenzjali biex jiġu indirizzati b'mod effettiv vjeġġi illegali tal-iskart u biex il-proċedimenti kriminali jibbenefikaw minn kooperazzjoni internazzjonali.

Madankollu, l-effiċjenza u l-forom ta' tali kooperazzjoni jvarjaw madwar l-UE. Xi Stati Membri żviluppaw flivelli differenti forom ta' kooperazzjoni bejn xulxin f'dan ir-rigward, li jistgħu jinkludu skambji ta' informazzjoni u/jew l-aħjar prattiki, laqgħat regolari u/jew azzjonijiet/proġetti konġunti, taħriġ konġunt u spezzjonijiet konġunti (li jkopru fost l-oħrajn vjeġġi transfruntieri tal-iskart, il-ħatra ta' uffiċjali ta' kollegament, eċċ.). Din il-kooperazzjoni hija xi drabi bbażata fuq protokollu jew memoranda ta' qbil jew forom oħra ta' ftehim bilaterali, li jistgħu jitqiesu bħala prattiki tajba.

F'każijiet oħra, il-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra tal-UE ma tidhirx li hija formali jew sistematika. Ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet rilevanti lil Stati Membri oħra fejn ġie identifikat lok għal titjib fir-rigward ta' tali kooperazzjoni.

F'ċerti każijiet ġew żviluppati forom reġjonali ta' kooperazzjoni internazzjonali, inkluż ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE, bħall-HELCOM fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, biex jiġu indirizzati l-problemi ambjentali reġjonali ta' natura transfruntiera f'dan il-qasam, bl-istabbiliment fost l-oħrajn ta' Netwerk ta' Prosekuturi dwar il-Kriminalità Ambjentali (ENPRO), u ċ-Ċentru tal-Infurzar tal-Liġi tal-Ewropa tax-Xlokk (SELEC) fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, bl-istabbiliment fost l-oħrajn tal-Grupp Konsultattiv tal-Prosekuturi tal-Ewropa tax-Xlokk (SEEPAG) biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, inkluż il-kriminalità serja u organizzata transnazzjonali. Dawn l-istrutturi jistgħu jitqiesu eżempji ta' prattiki tajba, peress li jwessgħu l-kooperazzjoni billi jinvolvu stati terzi u b'hekk jippermettu l-kondiviżjoni ta' esperjenzi u data ġodda u b'hekk jikkontribwixxu biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

RAKKOMANDEZZJONIJIET

- *L-Istati Membri huma mħeġġa jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħidma li titwettaq fil-livell tal-UE u dak internazzjonali biex titjeb il-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, b'mod partikolari fl-attivitajiet tal-aġenziji u l-korpi tal-UE — il-Eurojust, il-Europol u n-NGE — u dawk tan-netwerks Ewropej attivi f'dan il-qasam.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jżidu l-għarfien tal-prattikanti dwar il-possibiltajiet u l-vantaġġi tas-SIK u l-użu tagħhom f'każijiet ta' kriminalità ambjentali sabiex l-investigazzjonijiet isiru aktar effikaċi.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw jew jiżviluppaw aktar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien, inkluż pajjiżi terzi, u, fejn xieraq, jiżviluppaw kooperazzjoni reġjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa b'mod partikolari biex jikkooperaw mill-qrib mal-UE u ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE, ta' destinazzjoni jew ta' oriġini ta' vjeġġi ta' skart, sabiex jikkoordinaw l-isforzi fil-ġlieda kontra attivitajiet transfruntiera illegali f'dan il-qasam, fost l-oħrajn billi jistabbilixxu punti ta' kuntatt/uffiċjali ta' kollegament bil-ħsieb tal-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.*

XIV - KOOPERAZZJONI BEJN IS-SETTUR PUBBLIKU U DAK PRIVAT

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Skont is-sejbiet tal-evalwazzjoni, il-livell ta' kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat ivarja skont l-Istat Membru, u ġeneralment jirriżulta li huwa iktar żviluppat u effiċjenti fejn huwa iktar strutturat u fejn ikun hemm ambjent ta' fiduċja.

F'xi Stati Membri l-evalwazzjoni vvalutat li tali kooperazzjoni taħdem b'mod effettiv, filwaqt li fi Stati Membri oħra jista' jkun hemm involviment aktar attiv tas-settur privat fl-indirizzar tal-kriminalità ambjentali.

F'xi Stati Membri huwa previst l-użu ta' sħubiji pubbliċi/privati bbażati fuq memoranda ta' qbil jew ftehimiet formali oħra, għalkemm xi drabi dan huwa limitat għal oqsma speċifiċi. Stati Membri oħra ma żviluppawx qafas formali għal sħubiji pubbliċi/privati, u, f'xi wħud minnhom, il-kooperazzjoni, il-laqgħat u l-iskambju ta' informazzjoni dwar inċidenti, xejriet u żviluppi mas-settur privat isiru b'mod informali.

L-evalwazzjoni enfasizzat l-importanza li jiġu stabbiliti sħubijiet pubbliċi/privati, li jippermettu l-kollaborazzjoni u l-iskambju regolari ta' informazzjoni, għarfien, esperjenzi u kapaciċitajiet mas-settur privat fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, prinċipalment fil-kaxif ta' attivitajiet illegali marbuta mal-iskart.

L-aktar forom avvanzati ta' kooperazzjoni mas-settur privat ġew identifikati f'xi Stati Membri fejn tali kooperazzjoni hija istituzzjonalizzata permezz tal-istabbiliment ta' istituzzjonijiet/gruppi ta' ħidma xierqa bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tas-settur privat, u f'xi każijiet anki NGOs jew universitajiet involuti fi kwistjonijiet ambjentali, u tal-korpi tal-amministrazzjoni pubblika/tal-infurzar tal-liġi kompetenti f'dan il-qasam.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, dawn l-istrutturi ġew ivvalutati b'ħala siewja u ta' benefiċċju, peress li jippermettu lis-soċjetà ċivili li tipparteċipa b'mod attiv fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, u għalhekk huma meqjusa eżempji ta' prattiki tajba.

Minħabba l-kompetenza speċjalizzata tagħhom, l-NGOs li jaħdmu fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali jistgħu jaqdu rwol sinifikanti fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, pereżempju billi jwettqu azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u kampanji edukattivi, jirrapportaw data u informazzjoni utli dwar attivitajiet kriminali possibbli u xejriet relatati, kif ukoll fl-evalwazzjoni ta' ħsara ambjentali.

Għalkemm l-assoċjazzjonijiet privati u l-NGOs li joperaw f'dan il-qasam jinsabu kważi fl-Istati Membri kollha, il-livell ta' kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jvarja minn Stat Membru għal ieħor. F'xi wħud huma jaġhtu kontributi ewlenin billi jittrasmettu rapporti dwar ħsara ambjentali, filwaqt li f'oħrajn jidher li dawn jistgħu jkunu aktar integrati fl-isforzi pubbliċi biex tissaħħaħ il-prevenzjoni u titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini u l-kumpanniji privati dwar dan il-qasam (ara wkoll il-Kapitolu XII).

F'xi Stati Membri l-kooperazzjoni f'dan il-qasam mas-settur privat tinvolvi wkoll l-industrija, li tirriżulta utli biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni ambjentali u titjieb il-konformità ambjentali.

F'xi Stati Membri hemm is-settur privat għandu obbligu ta' rapportar dwar il-kriminalità marbuta mal-iskart, filwaqt li fi Stati Membri oħra dan ir-rapportar mhuwiex obligatorju jew huwa limitat. Skont is-sejbiet tal-evalwazzjoni, djalogu mas-settur privat lil hinn mir-rekwiżiti ta' rapportar obligatorju jista' jiffaċilita riżultati aħjar fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali.

RAKKOMANDEZZJONIJIET

- *L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu minn sħubijiet pubbliċi/privati strutturati fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali, li jistgħu jkunu bbażati fuq memoranda ta' qbil jew ftehimiet formali oħra, bil-ħsieb li jiġi żgurat qafas ċar għall-kooperazzjoni regolari, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu korpi jew strutturi bil-parteeċipazzjoni ta' rappreżentanti kemm tas-settur pubbliku kif ukoll tas-settur privat li jittrattaw kwistjonijiet ambjentali, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kooperazzjoni fil-prevenzjoni tal-kriminalità ambjentali, inkluż dik marbuta mal-iskart, u l-ġlieda kontriha.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu jew jiżviluppaw aktar ir-relazzjonijiet ta' ħidma, id-djalogu u l-iskambji regolari ta' informazzjoni mal-NGOs nazzjonali attivi fil-qasam ambjentali.*
- *L-Istati Membri għandhom iħeġġu lis-settur privat biex jgħaddi informazzjoni dwar kontravvenzjonijiet ambjentali suspettat lill-awtoritajiet pubbliċi, fejn xieraq, billi jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali obbligu li s-settur privat jirrapporta inċidenti ambjentali.*

XV - TRAFFIKAR ILLEGALI TA' SKART

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

L-istrutturi nazzjonali għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-vjeġġi illegali ta' skart fl-Istati Membri jinvolve għadd kbir ta' korpi ta' kontroll f'livelli differenti, kull wieħed minnhom bir-rwol tiegħu, li jwettqu spezzjonijiet u investigazzjonijiet.

Is-sistemi nazzjonali ta' distribuzzjoni tal-kompetenzi, l-effikaċja tal-organizzazzjoni u l-grad ta' interazzjoni fost l-awtoritajiet differenti fil-katina tal-infurzar fil-qasam tal-iskart ivarjaw madwar l-Unjoni Ewropea. F'xi Stati Membri, ir-rata baxxa ta' kxif ta' vjeġġi illegali ta' skart tissuġġerixxi li jista' jkun hemm lok għal titjib fis-sistema tagħhom biex jiġi indirizzat it-traffikar illegali ta' skart b'mod aktar effettiv.

Filwaqt li f'għadd ta' Stati Membri l-kooperazzjoni f'dan il-qasam hija formalizzata u pjuttost effiċjenti, f'oħrajn hemm lok għal titjib permezz ta' azzjonijiet aktar integrati u koordinati fost id-diversi awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex tinbena sistema aktar robusta għall-kxif u r-rintraċċar ta' vjeġġi illegali ta' skart transkonfinali.

Ir-responsabbiltà ewlenija għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-vjeġġi transkonfinali ta' skart, normalment taqa' f'idejn l-awtoritajiet ambjentali; f'xi Stati Membri awtoritajiet amministrattivi differenti huma kompetenti, minn naħa waħda, għall-obbligi amministrattivi (eż. liċenzjar) u, min-naħa l-oħra, għall-ispezzjoni ta' faċilitajiet u kumpanniji li jipproduċu l-iskart, kif ukoll ta' dawk involuti fit-trasport tal-iskart.

Billi d-delitti marbuta mal-iskart huma vvalutati bħala "delitti li jeħtieġu kontroll", huwa essenzjali li jkun hemm għadd kbir biżżejjed ta' spetturi u ta' spezzjonijiet għall-kxif ta' din il-forma ta' delitti. Skont ir-Regolament Nru 1013/2006, l-Istati Membri stabbilixxew pjanijiet ta' spezzjoni għal vjeġġi ta' skart.

Fi ftit Stati Membri nstab li s-servizzi ta' spezzjoni qed jiffunzjonaw tajjeb, bi spetturi li għandhom l-għarfien espert, il-kapaċità u t-tagħmir biex iwettqu l-ispezzjonijiet.

Fi Stati Membri oħra l-kapaċità tas-sistema li tipprevjeni jew tidentifika vjeġġi illegali ta' skart hija affettwata minn nuqqas ta' informazzjoni, intelligence, fokus/prijoritizzazzjoni, u n-nuqqas ta' strateġija ċentrali biex jiġi identifikat u miġġieled il-fenomeni. Dan spiss iwassal biex l-għadd totali ta' spezzjonijiet ta' rutina u l-għadd ta' spetturi disponibbli ma jkunux biżżejjed biex tittieħed azzjoni kontra delitti marbuta mal-iskart. F'ċerti Stati Membri l-evalwazzjoni enfasizzat b'mod partikolari l-ħtieġa għal kontrolli aktar iffukati fuq it-toroq u fil-fruntieri u spezzjonijiet tal-bini tal-kumpanniji.

Minħabba li l-iskart, inkluż l-iskart perikoluż, jiġi mċaqlaq bejn diversi Stati Membri, in-nuqqas ta' kontrolli regolari mhuwiex biss fattur ta' riskju għall-pajjiż innifsu, iżda jista' jkollu wkoll effetti indiretti fil-livell tal-UE u jista' jxekkel il-kxif ta' networks illegali li joperaw f'dan il-qasam f'għadd ta' pajjiżi u li jgħaddu minnhom. Madankollu, ir-rabtiet bejn it-traffikar illegali tal-iskart u l-kriminalità organizzata mhumiex ovvj. F'xi pajjiżi ma ġietx ippruvata din ir-rabta, filwaqt li f'oħrajn din tidher ftit jew wisq ċara.

Għalhekk, l-evalwazzjoni ssottolinjat ukoll il-ħtieġa għal kontrolli fiżiċi biex jiġu identifikati vjeġġi ta' skart illegali waqt kontrolli doganali mal-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-iskart, inkluż għall-ġbir ta' kampjuni, fuq bażi regolari aktar milli biss meta jkun hemm irregolaritajiet fid-dokumentazzjoni, li f'ċerti każijiet jistgħu jkunu frodulent iżda ma jgħajmu ebda suspett.

L-użu tal-intelligence, ta' tekniki investigattivi speċjali u ta' investigazzjonijiet finanzjarji biex tiġi ffaċilitata l-kisba ta' evidenza rilevanti f'dan il-qasam huwa wkoll importanti, għalhekk ġew indirizzati rakkomandazzjonijiet għat-titjib lil għadd ta' Stati Membri f'dan ir-rigward.

Il-valutazzjoni tar-riskji hija essenzjali wkoll għal spezzjonijiet immirati, speċjalment fi Stati Membri fejn il-volum kbir ta' merkanzija li tgħaddi mill-fruntieri jagħmilha diffiċli biex jiġi spezzjonat it-traffiku kollu tal-kontejners.

Minħabba l-komplessità kbira tal-leġislazzjoni applikabbli u l-ħtieġa għall-infurzar b'mod effettiv tagħha, huwa essenzjali li l-ispetturi/l-investigaturi li jittrattaw il-vjeġġi transfruntieri jkollhom taħriġ speċjalizzat. Madankollu, dan mhuwiex dejjem il-każ, b'mod partikolari għas-servizzi tad-dwana, li ħafna drabi ma jkollhomx l-għarfien espert speċjalizzat meħtieġ biex jiġu trattati vjeġġi illegali ta' skart b'tali mod li jiġi ddeterminat jekk seħħitx attività kriminali b'rabta mal-iskart fiżiku.

Minħabba l-ammont kbir ta' skart ittrasportat bil-karozza jew bil-vapur, il-korpi involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali ma jistgħux jiddependu biss fuq l-analiżi umana biex jiġu ċċekkjati l-vjeġġi u jeħtieġu għodod li jistgħu jintużaw biex jispezzjonawhom malajr. Huwa importanti wkoll sabiex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-kriminalità marbuta mal-iskart li l-awtoritajiet ta' spezzjoni tal-Istati Membri jkollhom infrastruttura u tagħmir moderni.

L-użu ta' skanners biex jitwettqu l-ispezzjonijiet jagħmilha possibbli li tinkiseb immaġni tal-merkanzija ttrasportata mingħajr il-ħtieġa li jinfetħu l-kontejners. Barra minn hekk, xi Stati Membri jikkondividu l-użu ta' skanners fil-fruntieri komuni, li ġie kkunsidrat prattika tajba. Fi ftit Stati Membri l-għodod ta' spezzjoni avvanzati, bħad-drones, it-teknoloġija tar-raġġi X u l-apparat ta' skannjar mobbli huma użati matul l-ispezzjonijiet transkonfinali; vetturi speċjali mgħammra xjentifikament biex jieħdu kampjuni fil-post tqiesu bħala eżempji tal-aħjar prattiki. B'mod aktar ġenerali, hemm lok għal titjib f'dan ir-rigward.

Xi Stati Membri għandhom bażijiet tad-data elettroniċi relatati mal-vjeġġ transfruntier ta' skart li jkun jeħtieġ notifikati, li fihom informazzjoni relatata mal-produzzjoni, it-trasport u d-destinazzjoni tal-iskart u f'xi każijiet ta' kontravenzjonijiet relatati, aċċessibbli mill-awtoritajiet involuti fl-indirizzar tal-kriminalità marbuta mal-iskart. Peress li dawn il-bażijiet tad-data jistgħu jiffaċilitaw ir-rintraċċar tal-iskart, u b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-effiċjenza tal-ispezzjonijiet, kif ukoll l-analiżi strateġika u tattika, dawn jistgħu jitqiesu l-aħjar prattiki.

Sabiex jipprevjenu l-kriminalità marbuta mal-iskart, xi Stati Membri jimponu obbligu li t-trakkijiet li jgħorru l-iskart ikollhom il-pjanċa "A". Dan huwa utli ħafna biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni u r-rintraċċar ta' vjeġġi ta' skart u l-prestazzjoni ta' spezzjonijiet relatati, u għalhekk jista' jitqies prattika tajba.

Xi pajjiżi ddiġitalizzaw il-formoli obligatorji għall-vjeġġi tal-iskart, żiedu analiżi awtomatizzata ta' dawn il-formoli u kkondividew is-sistema operattiva tagħhom mal-korpi kollha involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali. B'hekk huma kapaċi jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju rapidi u preċiżi, jidentifikaw il-kontravenzjonijiet u jibagħtu minnufih lil uffiċjali biex iwettqu l-ispezzjonijiet.

Ġew identifikati ċerti ostakli ewlenin għall-kxif ta' reati marbuta mal-vjeġġi illegali ta' skart fil-kuntast tal-evalwazzjoni: l-ewwel nett, il-kumplessità tal-klassifikazzjoni tal-iskart, li tikkawża diffikultajiet fir-rigward tad-definizzjoni ta' skart fil-leġislazzjoni tal-UE, id-distinzjoni bejn skart perikoluż u mhux perikoluż u d-differenzjazzjoni bejn prodotti sekondarji u skart, jew bejn karozzi użati u vetturi li ma għadhomx jintużaw; f'ċerti każijiet ġie enfasizzat li jista' jkun diffiċli li jinkisbu kampjuni li jirriflettu b'mod preċiż l-iskart trasportat. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiddependu fuq l-għarfien espert, li primarjament jinvolvi l-ħtieġa li jinkisbu kampjuni xierqa.

Fi ftit pajjiżi, l-eżistenza ta' korpi tas-settur pubbliku li għandhom laboratorji speċjalizzati li jipprovdu assistenza u pariri dwar kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi lill-awtoritajiet kompetenti toffri għarfien espert ikkwalifikat mil-lat tekniċu u imparzjali. Fi Stati Membri oħra, l-eżami forensiku jitwettaq minn esperti privati jew kumpanniji; xi wħud minnhom indikaw nuqqas ta' esperti fil-qasam tal-kriminalità ambjentali (u b'mod aktar speċifiku esperti fil-qasam tal-iskart), l-ispejjeż tal-analiżi esperta u d-durata tagħha, li jistgħu jikkawżaw dewmien fi proċedimenti kriminali.

Xi Stati Membri pproduċew manwali u gwidi fil-livell nazzjonali li jiffaċilitaw tali valutazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti, u li jikkontribwixxu għal infurzar aktar effettiv tal-leġislazzjoni dwar l-iskart. Għadd ta' Stati Membri appellaw għal gwida fil-livell tal-UE biex jiġu solvuti d-diffikultajiet fl-interpretazzjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni tal-iskart, bil-ħsieb li jingħata kontribut għal approċċ aktar effettiv u koerenti għall-kriminalità marbuta mal-iskart fl-UE kollha.

L-evalwazzjoni enfasizzat ukoll id-diffikultajiet, meta jiġi identifikat trasferiment internazzjonali illegali, fl-organizzazzjoni tar-ritorn tal-merkanzija lejn il-pajjiż ta' oriġini. Kif previst fil-leġislazzjoni tal-UE, l-Istati Membri jridu jieħdu miżuri biex jidentifikaw l-iskart li jkun qed jiġi ttrasportat illegalment u jiżguraw li dan jiġi ġestit b'mod xieraq minn perspettiva ambjentali, jew billi jirritornawh lejn il-post tal-oriġini tiegħu jew billi jidderiġuh lejn ċentru ta' ġbir jew trattament xieraq u awtorizzat.

Għal dan il-għan, it-traċċabbiltà tal-iskart mill-produzzjoni sad-destinazzjoni finali jeħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni nazzjonali li jirrikjedu li l-vjeġġi tal-iskart ikunu akkumpanjati minn dokumenti ta' identifikazzjoni u li l-produtturi u l-maniġers tal-iskart iżommu rekords kronoloġiċi tal-iskart li jimmaniġġaw, skont id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

Dawn is-sitwazzjonijiet għandhom jiġu ssorveljati u l-korpi nazzjonali kompetenti fil-pajjiż inkwistjoni għandhom ikunu infurmati sabiex ikunu jistgħu jikkonfermaw il-kunsinna tal-iskart fil-post tal-orijini tiegħu. Sabiex jiġi żgurat li l-iskart jiġi mmaniġġat kif suppost, dawn il-passi għandhom jittieħdu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet barranin kompetenti l-oħra kkonċernati.

Madankollu, f'każijiet fejn l-iskart ikun diġà ġie mormi, it-traċċabbiltà tal-persuni li jkunu wettqu r-reati u l-identifikazzjoni tal-partijiet responsabbli meta l-iskart jinħatt barra l-pajjiż jistgħu wkoll ikunu problematiċi. Barra minn hekk, l-istabiliment tal-gravità tar-reat jista' jkun ta' sfida konsiderevoli, għaliex il-kunsinni ta' skart spiss ikunu ġew trasportati lil hinn mit-territorju tal-Istati Membri qabel ma jitwettqu l-eżamijiet dettaljati.

Azzjoni effettiva f'dan ir-rigward, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat ir-ritorn u l-immaniġġar xieraq tal-iskart, teħtieġ kooperazzjoni mal-istati ta' orijini, speċjalment l-istati terzi, li jkunu direttament ikkonċernati mit-traffikar tal-iskart, li, madankollu, spiss mhumiex magħrufa; fejn dawn ikunu jistgħu jiġu identifikati, jista' jkun hemm diffikultajiet fil-komunikazzjoni magħhom, li ħafna drabi jieħu ħafna ħin.

Diffikultà oħra hija marbuta mal-ħtieġa li l-evidenza miġbura tiġi vvalutata permezz ta' opinjonijiet rilevanti tal-esperti, b'mod partikolari fir-rigward ta' delitti marbuta mal-iskart, speċjalment jekk l-iskart ikun diġà ġie mormi lokalment jew ġie ttrasportat barra mill-pajjiż. Tħassib komuni f'dan il-kuntest huwa l-problema tat-teħid ta' kampjuni skont proċedura amministrattiva, li jkun soġġett għal regoli inqas stretti meta mqabbla ma' investigazzjoni u xi drabi ma jkunx sodisfaċenti mill-perspettiva ta' segwitu tal-liġi kriminali (ara wkoll il-Kapitolu XII).

Ostakli oħra għall-kxif ta' vjeġġi illegali ta' skart indikati mill-Istati Membri huma l-baġits limitati, b'kont meħud li l-ħażna tal-prodotti maqbuda tista' ġġarrab spejjeż addizzjonali, ir-riżorsi umani limitati u l-kumplessità taċ-ċirkostanzi li minnhom oriġinaw ir-reati kriminali.

Il-flussi ta' WEEE u ta' ELVs joħlqu ħtiġijiet għal miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu fi stadji varji fil-proċess tal-immaniġġar tal-iskart f'konformità mar-rekwiżiti previsti rispettivament mid-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) u mid-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Filwaqt li f'xi Stati Membri l-WEEE u l-ELVs jitqiesu bħala flussi ta' skart prijoritarju u huma soġġetti għal attivitajiet speċifiċi ta' spezzjoni u analiżi, li jinvolvu mhux biss verifiki tad-dokumentazzjoni, iżda wkoll spezzjonijiet fiżiċi, miżuri bħal dawn mhumiex fis-seħħ fl-Istati Membri kollha.

Sejbiet speċifiċi relatati mal-iskart perikoluż huma rrapportati fil-Kapitolu XVI.

RAKKOMANDEZZJONIJIET

- *Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw azzjonijiet integrati u kkoordinati li jiġbru flimkien l-Awtoritajiet tal-Infurzar tal-Liġi u l-korpi amministrattivi differenti sabiex jibnu jew ikomplu jsaħħu sistema effiċjenti biex jiġu indirizzati l-attivitajiet illegali relatati mal-vjeġġi transkonfinali tal-iskart.*
- *Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jiżguraw, bil-ħsieb li jtejbu azzjonijiet ta' infurzar fir-rigward ta' vjeġġi transkonfinali illegali tal-iskart, li għandhom għadd adegwat kemm ta' spetturi speċjalizzati u mħarrġa sew, possibbilment li jkollhom setgħat ta' infurzar kriminali, kif ukoll ta' spezzjonijiet regolari, inkluż verifiki fiżiċi tal-kontejners li jittrasportaw l-iskart.*
- *Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jagħmlu użu minn intelligence, valutazzjoni tar-riskju, investigazzjonijiet finanzjarji u tekniki ta' investigazzjoni speċjali, sa fejn dan ikun proporzjonat mar-reat ikkonċernat, kif ukoll li jistabilixxu bażijiet ta' data elettroniki relatati mal-vjeġġ transkonfinali ta' skart, bil-ħsieb li jkomplu jsaħħu l-kapaċità tagħhom ta' kxif ta' vjeġġi illegali ta' skart.*
- *B'kont meħud tar-riskji potenzjali marbuta mal-WEEE u l-ELVs, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jfasslu pjan ta' azzjoni globali għaċ-ċiklu sħiħ ta' dawn il-flussi ta' skart, mill-produzzjoni sal-eliminazzjoni, li jidentifika wkoll is-servizzi kollha involuti fl-attivitajiet ta' infurzar relatati.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu miżuri li jtejbu l-kooperazzjoni mal-istati tal-orijini, speċjalment stati terzi, li huma direttament ikkonċernati mit-traffikar tal-iskart, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat ir-ritorn u l-immaniġġar xieraq tal-iskart minn dawn il-pajjiżi.*

XVI- PRODUZZJONI JEW TRATTAMENT ILLEGALI TA' MATERJAL PERIKOLUŻ U IMMANIĠĠAR TA' SKART PERIKOLUŻ

SEJBIET EWLENIN U KONKLUŻJONIJIET

Minħabba li l-produzzjoni u t-trattament illegali ta' sustanzi perikolużi jista' jkollhom impatt sinifikanti mhux biss fuq l-ambjent, iżda wkoll fuq is-saħħa pubblika, huwa ta' importanza kruċjali li jkun hemm fis-seħħ il-qafas leġislattiv u l-istrutturi xierqa biex jiġu regolati u kkontrollati l-attivitajiet rilevanti.

Skont il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni, sabiex jiġu protetti l-popolazzjoni u l-ambjent mill-periklu, huwa importanti li s-sustanzi u l-prodotti perikolużi jiġu ttrattati b'attenzjoni matul il-produzzjoni, il-ħażna, it-trasport, l-użu u r-rimi, u li għal dawn l-għanijiet, il-miżuri meħuda għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tal-ħsara huma bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju għal kull sustanza.

Minkejja li l-attenzjoni li l-Istati Membri jagħtu lill-produzzjoni u t-trattament illegali ta' sustanzi u materjali perikolużi tvarja, il-maġġoranza stabbilixxew, fi gradi differenti, il-qafas regolatorju u organizzattiv rilevanti f'dan il-qasam, inkluż dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġi kriminali biex jiddefinixxu r-reati u l-penali relatati.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, ġie enfasizzat li huwa importanti li l-leġislazzjoni rilevanti tkun imfassla b'mod ċar biex ikun żgurat li l-attivitajiet kollha jitwettqu skont regolamenti stretti li jispeċifikaw ir-restrizzjonijiet applikabbli rigward il-produzzjoni, l-importazzjoni, it-trattament, il-ġbir, eċċ. tas-sustanzi perikolużi.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom definizzjoni ta' "materjal perikoluż" fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, normalment f'liġijiet amministrattivi, għalkemm xi wħud ma għandhomx.

Madankollu, fejn hemm inċertezza, tapplika l-leġislazzjoni rilevanti tal-UE f'dan il-qasam. B'mod partikolari skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (CLP), sustanza jew taħlita titqies bħala "perikoluża" jekk tissodisfa l-kriterji relatati mal-perikli fiżiċi, il-perikli għas-saħħa jew il-perikli ambjentali stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u għandha tiġi kklassifikata f'konformità mal-klassijiet ta' periklu korrispondenti previsti f'dak l-Anness.

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament CLP, il-manifatturi, l-importaturi u l-utenti downstream huma meħtieġa li jikklassifikaw is-sustanzi jew it-taħlitiet skont it-Titolu II tar-Regolament qabel ma jqegħduhom fis-suq.

Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ċerti sustanzi, taħlitiet u oġġetti perikolużi huma pprojbati u/jew ristretti mill-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (ir-Regolament REACH).

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, ġie ssottolinjat li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti - is-servizzi amministrattivi, il-pulizija, id-dwana, il-protezzjoni ċivili, is-servizzi tat-tifi tan-nar u l-ġudikatura - għandhom preferibbilment jiġu fformalizzati, abbażi ta' proċeduri operattivi standard, sabiex tkun żgurata reazzjoni koordinata xierqa għat-theddid li jirriżulta minn materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari.

Xi Stati Membri indikaw li ltaqgħu ma' numru żgħir ħafna ta' każijiet ta' attivitajiet illegali relatati mal-produzzjoni u t-trattament ta' sustanzi perikolużi jew ksur minuri biss minħabba nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni applikabbli fir-rigward tal-liċenzji, l-awtorizzazzjonijiet, eċċ.

Ir-rata baxxa ta' kxif fir-rigward ta' attivitajiet illegali (saħansitra aktar serji) marbuta mal-produzzjoni jew l-immaniġġar ta' materjali perikolużi tqajjem il-kwistjoni ta' jekk dan jistax ikun marbut ma' nuqqas ta' għarfien u sensibilizzazzjoni dwar dawn il-forom ta' kriminalità u/jew ma' attivitajiet insuffiċjenti ta' monitoraġġ u kontroll mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li jinvolvu l-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-attivitajiet illegali f'dan il-qasam u l-ġlieda kontribom.

Filwaqt li xi Stati Membri indikaw li huma ma jafu bl-ebda xkiel għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'suċċess ta' attivitajiet illegali marbuta mal-produzzjoni u t-trattament ta' sustanzi perikolużi, oħrajn indikaw problemi ġenerali, bħall-kumplessità tal-leġislazzjoni, in-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni, id-diffikultajiet fil-kxif, eċċ.

Waħda mill-isfidi ewlenin fl-investigazzjoni u l-kxif ta' attivitajiet kriminali marbuta mat-trattament ta' materjali perikolużi tidher li hija l-ġbir ta' evidenza suffiċjenti u affidabbli, li jitlob miżuri investigattivi adegwati u għarfien espert speċjalizzat, filwaqt li jitqiesu wkoll l-iżviluppi fiżikokimiċi minn meta ttieħdu l-kampjuni.

materjali perikolużi nfushom spiss ikunu evidenza li għandha tinġabar bit-teħid ta' kampjuni u tiġi analizzata minn esperti maħtura/laboratorji forensiċi. L-evidenza rilevanti għandha wkoll tittieħed f'kustodja uffċjali jew inkella tiġi ssekwestrata b'mod ieħor li jipprovdni ħażna sikura u sigura, li ħażna drabi jinvolvi spejjeż sinifikanti (ara wkoll il-Kapitolu XII).

Skont is-sejbiet tal-evalwazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll li t-ttrattament ta' materjali perikolużi ħażna drabi jkollu rabtiet mal-kriminalità organizzata, huwa importanti, sabiex jitjiebu l-kapaċitajiet ta' kxif f'dan il-qasam, li jsir użu mill-informazzjoni ta' intelligence. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-possibiltajiet offruti minn teknoloġiji moderni bi strumenti ta' teknoloġija avvanzata u tagħmir ferm sofistikat li jista' jiffaċilita l-kxif, it-teħid ta' kampjuni u d-dekontaminazzjoni ta' materjali perikolużi.

Filwaqt li jitqies li t-ttrattament ta' sustanzi perikolużi jeħtieġ livell għoli ta' għarfien expert, u li b'mod ġenerali hemm bżonn ta' speċjalizzazzjoni akbar, taħriġ speċjalizzat adegwat u regolari dwar materjali perikolużi għall-operaturi nazzjonali li jittrattaw dawn il-kwistjonijiet huwa essenzjali. Tali taħriġ huwa pprovdut f'livelli differenti f'ċerti Stati Membri; f'xi wħud huwa organizzat aħjar u huwa estensiv, f'oħrajn għandu jiżdied u jittejjeb.

Il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra tal-UE u f'pajjiżi terzi fir-rigward ta' sustanzi perikolużi hija importanti wkoll, biex tippermetti li tiġi skambjata informazzjoni dwar xejriet fil-produzzjoni u t-ttrattament kif ukoll it-tqegħid fis-suq ta' tali sustanzi fil-livell Ewropew u dak internazzjonali.

Madankollu, xi Stati Membri ma pprovdeu ebda informazzjoni jew ma rrapportaw ebda esperjenza speċifika ta' kooperazzjoni ma' sħab oħra Ewropej u internazzjonali fir-rigward tat-trattament ta' materjali perikolużi. Stati Membri oħra rrapportaw forom ta' kooperazzjoni, — b'mod partikolari l-iskambju ta' informazzjoni, — ma' pajjiżi oħra permezz tal-mezzi rilevanti, bħall-Europol u l-Interpol. Xi Stati Membri rreferew għall-użu ta' mezzi oħra, bħall-pjattaforma ta' skambju għall-awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali (Portal Dashboard for National Enforcement Authorities - PD-NEA), is-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni appoġġata fuq l-internet għas-sorveljanza tas-suq pan-Ewropej (ICSMS) u, għal riskji serji, is-safety gate tar-RAPEX biex jikkondividu informazzjoni dwar sustanzi perikolużi.

Fir-rigward tal-iskart, il-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-iskart bħala perikoluż huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1357/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014. Minħabba l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, għandha tingħata attenzjoni speċjali lil reati marbuta mal-iskart perikoluż, kif imsemmija fil-punti (b) u (e) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/99/KE tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali.

It-trattament u t-trasport ta' skart perikoluż għandhom jiġu mmonitorjati, peress li l-ġestjoni mhux xierqa ta' tali skart tista' tikkawża tniġġis serju u jkollha impatt negattiv fuq is-saħħa pubblika. Dan jinkiseb kemm permezz ta' obbligi għall-produtturi, id-detenturi, min jiġbor, min iġorr u min jarmi skart perikoluż biex jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar ir-rimi u t-trasport ta' skart perikoluż kif ukoll permezz ta' spezzjonijiet. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ma hemm ebda sistema jew miżura speċifika disponibbli għall-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet li jimmiraw speċifikament l-iskart perikoluż.

F'ħafna mill-Istati Membri evalwati, l-għadd ta' każijiet kriminali marbuta ma' skart perikoluż jew materjali perikolużi huwa żgħir. Modi operandi komuni fl-immaniġġar illegali tal-iskart perikoluż huma li wieħed jagħmel tabirruħu li l-iskart perikoluż mhuwiex perikoluż, li jikklassifika l-WEEE bħala prodotti, u li jaħbi l-iskart perikoluż mal-iskart mhux perikoluż.

Ħafna mir-reati marbuta ma' skart perikoluż jitwettqu permezz ta' klassifikazzjoni żbaljata, minħabba li xi kumpanniji għandhom it-tendenza li jikklassifikaw l-oġġetti bħala mhux perikolużi jekk ikun hemm l-inqas possibbiltà li jistgħu jiġu identifikati. Għalhekk, waħda mill-isfidi ewlenin għall-awtoritajiet kompetenti hija li jiżguraw li d-dokumentazzjoni tkun korretta u l-iskart jiġi kklassifikat bħala perikoluż. Billi l-immaniġġar tal-iskart perikoluż huwa estremament tekniku u kumpless, il-miżuri rilevanti għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet u t-teħid ta' kampjuni relatat jitwettqu minn tekniċi kkwalfikati b'għarfien espert speċifiku f'dan il-qasam.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- *Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom ta' kxif u infurzar fl-indirizzar tal-produzzjoni illegali u t-trattament illegali ta' sustanzi perikolużi, l-Istati Membri huma mħeġġa jtejbju l-attivitajiet ta' monitoraġġ u l-verifiki relatati, kif ukoll jagħmlu użu minn intelligence u valutazzjonijiet tar-riskju biex jidentifikaw xejriet u theddid f'dan il-qasam.*
- *L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jifformalizzaw kooperazzjoni interistituzzjonali fl-indirizzar ta' attivitajiet illegali li jikkonċernaw il-produzzjoni u t-trattament ta' sustanzi perikolużi, sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr u b'mod koordinat għat-theddid li jirriżulta minn materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari.*
- *L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu miżuri xierqa biex iżidu l-ispeċjalizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti involuti fl-indirizzar tal-produzzjoni u t-trattament illegali ta' sustanzi perikolużi, eż. billi jżidu l-opportunitajiet ta' taħriġ disponibbli għall-prattikanti f'dan il-qasam kumpless u tekniku ħafna tal-kriminalità.*